



Brussell, 6 ta' Marzu 2024
(OR. en)

7436/24

RC 8

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	6 ta' Marzu 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 115 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2023

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2024) 115 final.

Mehmuż: COM(2024) 115 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.3.2024
COM(2024) 115 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI

Rapport dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni 2023

{SWD(2024) 53 final}

Werrej

1. Introduzzjoni	2
2. L-użu tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jittaffew l-effetti negattivi tax-xokkijiet ekonomiċi esterni	4
2.1. Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni	4
2.2. Tlestiet l-eliminazzjoni gradwali tal-Qafas Temporanju għall-Għajjnuna mill-Istat li jappoġġa l-ekonomija fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19	5
2.3. L-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza	5
3. L-iżgurar li r-regoli tal-kompetizzjoni jibqgħu adattati għall-futur – Progress fuq aġenda politika estensiva	6
3.1. Aġġornament tar-regoli u l-gwida dwar l-antitrust u l-fużjonijiet	6
Ġew adottati r-Regoli dwar ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali	6
Ġie estiż ir-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Vetturi bil-Mutur	7
Ġie adottat il-pakkett ta' simplifikazzjoni tal-fużjonijiet	8
Ġew adottati linji gwida dwar il-ftehimiet ta' sostenibbiltà fl-agrikoltura	8
L-ebda estensjoni tal-eżenzjoni ta' kategorija għall-konsorzji tat-tbajhir tal-linja	9
Bdew it-tnejn għal-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE	9
Tkompjiet l-evalwazzjoni tar-Regolament 1/2003	9
Evalwazzjoni tar-regoli dwar ftehimiet dwar it-trasferiment ta' teknoloġija	10
3.2. Aġġornament tar-regoli u l-gwida dwar l-ghajjnuna mill-Istat	10
Ġie emendat ir-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija	10
Ġie adottat ir-regolament ġenerali de minimis rivedut	11
Ġie adottat ir-Regolament de minimis dwar l-SGEI rivedut	11
Ġew adottati r-regoli riveduti dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-setturi tal-agrikoltura, tal-forestrija, tas-sajd u tal-akkwakultura	12
Ġie adottat il-kodiċi ta' prattiki tajba tal-IPCEI	12
Forum Konġunt Ewropew għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni	13
Ġew adottati Linji Gwida Interpretattivi dwar ir-Regolament (UE) Nru 1370/2007	13
Evalwazzjonijiet	13
4. L-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni kkontribwixxa għall-prijoritajiet prinċipali tal-Kummissjoni	13
4.1. L-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni kkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u għal Suq Uniku b'saħħtu u reżiljenti	14
L-infurzar tal-antitrust ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u għal Suq Uniku b'saħħtu u reżiljenti	14

Il-kontroll tal-fużjonijiet ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u għal Suq Uniku b'saħħtu u reżiljenti	17
Il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u għar-reżiljenza tas-Suq Uniku	21
4.2 L-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni kkontribwixxa għat-tranżizzjoni ekoloġika	23
L-infurzar tal-antitrust ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni ekoloġika.....	23
Il-kontroll tal-fużjonijiet ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni ekoloġika	23
Il-kontroll tal-għajnuna mill-Istat ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni ekoloġika	24
4.3. Il-politika tal-kompetizzjoni kkontribwixxa għal ekonomija għas-servizz tan-nies.....	26
Il-kontribut tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE għall-innovazzjoni u l-ġustizzja fil-pagamenti..	26
<i>L-infurzar tal-antitrust fis-setturi tas-servizzi finanzjarji u tal-assigurazzjoni.....</i>	<i>26</i>
<i>Infurzar tal-fużjonijiet fis-settur tas-servizzi finanzjarji</i>	<i>27</i>
L-infurzar tal-għajnuna mill-Istat fis-settur tas-servizzi finanzjarji.....	27
Għajnuna mill-Istat fl-assigurazzjoni.....	28
Għajnuna mill-Istat f'garanziji pubbliċi.....	29
5. Isiru operazzjonali l-għodod komplementari ġodda tas-Suq Uniku	29
5.1. L-Att dwar is-Swieq Digitali	29
5.2. Ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin.....	31
6. L-impatt tal-politika dwar l-għajnuna mill-Istat fuq l-integrità tas-Suq Uniku u fuq il-kompetittività globali tal-UE.....	33
6.1 <i>Stampa ġenerali tal-iżborż tal-għajnuna mill-Istat għall-għajnuna għall-kriżi u mhux għall-kriżi fl-2022</i>	<i>35</i>
6.2 <i>Użu kruċjali iżda kawt tal-għajnuna mill-Istat fi żminijiet ta' kriżi.....</i>	<i>41</i>
6.3 <i>L-insewiment tat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika u prijoritajiet oħra tal-UE.....</i>	<i>45</i>
6.4 <i>Is-salvagwardja ta' Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb għal ekonomija kompetittiva tal-UE.....</i>	<i>47</i>
7. Il-kejl tal-impatt tal-infurzar tal-kompetizzjoni fuq il-klijenti.....	49
8. L-immodernizzar tal-metodi ta' ħidma tad-DĠ Kompetizzjoni biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' infurzar attwali u futuri	50
8.1. Soluzzjonijiet ta' negozju diġitali	50
8.2. Analiżi tad- <i>data</i> u teknoloġija.....	51
8.3. Issaħħet l-għodda għall-informaturi.....	51
9. Promozzjoni u sensibilizzazzjoni li jappoġġaw il-politika tal-kompetizzjoni u l-infurzar	51
10. Il-politika tal-kompetizzjoni f'kuntest Ewropew u globali.....	52
10.1 Ningħaqdu flimkien fit-tiswir ta' kultura ta' kompetizzjoni Ewropea u globali	52

Koerenza politika permezz tan-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni	52
Djalogu interistituzzjonali kontinwu u kostruttiv	53
10.2. Il-kooperazzjoni fil-politika tal-kompetizzjoni madwar id-dinja.....	53
Relazzjonijiet multilaterali	53
Relazzjonijiet bilaterali	53

1. Introduzzjoni

Ir-Rapport Annwali dwar il-Kompetizzjoni tal-2023 huwa indirizzat mill-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni. Dan jiddeskrivi l-iżviluppi ewlenin fil-politika tal-kompetizzjoni u l-infurzar tal-UE matul l-2023.

Is-sena 2023 kienet sena oħra ta' sfida għall-UE. Il-gwerra ta' aggressjoni kontinwa tar-Russja kontra l-Ukrajna u ż-żieda fit-tensjonijiet ġeopolitiċi fakkruna għal darba oħra kemm hija interkonnessa d-dinja, mhux l-inqas l-UE mal-pajjiżi ġirien tagħha. Il-Kummissjoni ħadet azzjoni rapida u determinata, inklużi miżuri fl-għajjnuna mill-Istat, biex ittaffi l-effetti negattivi fuq l-ekonomija tal-UE kkawżati minn dawn l-avvenimenti.

Kien hemm ukoll żviluppi pożittivi fl-2023, b'mod partikolari l-fatt li l-ekonomija tal-UE kienet reżiljenti għall-impatt tal-aggressjoni kontinwa tar-Russja lejn l-Ukrajna. Sa tmiem l-2023, il-prezzijiet tal-enerġija tal-UE waqgħu taħt il-quċċata tagħhom fl-2022. Il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE kienet waħda mill-ħafna għodod użati b'suċċess għar-rispons kontinwu għall-kriżijiet, għall-irkupru ekonomiku, kif ukoll għat-twettiq tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Ir-rivoluzzjoni diġitali espandiet il-firxa globali tal-kumpaniji, mhux biss għall-“Big Techs” iżda għall-kumpaniji kollha. Id-diġitalizzazzjoni tixpruna t-tkabbir ekonomiku fis-setturi ekonomiċi kollha. Iżda l-iżviluppi rapidi tas-suq joħlqu sfidi ġodda għall-infurzaturi tal-kompetizzjoni. Waħda mill-isfidi ewlenin li qed tiffaċċja l-Kummissjoni – kemm fl-infurzar tal-antitrust kif ukoll tal-kontroll tal-fużjonijiet – hija kif tiddefinixxi s-swieq rilevanti meta tiffaċċja żviluppi dinamiċi fis-swieq. Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni kompliet taħdem fuq Avviż ġdid dwar id-Definizzjoni tas-Suq fl-2023. Dawn l-iżviluppi u l-isfidi tas-suq wasslu wkoll lill-Kummissjoni biex tnedi evalwazzjoni tas-setgħat investigattivi u ta' teħid ta' deċiżjonijiet tagħha għall-infurzar tal-Artikoli 101 u 102 TFUE fl-2022 kif stabbilit fir-Regolament 1/2003¹. Din il-ħidma kompliet fl-2023. Il-Kummissjoni qed tabbozza wkoll Linji Gwida ġodda dwar abbużi ta' esklużjoni ta' dominanza skont l-Artikolu 102 TFUE.

¹ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (Test b'relevanza għaż-ŻEE), ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

Il-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet tal-kompetizzjoni fil-ġurisdizzjonijiet hija aktar importanti minn qatt qabel. F'Novembru 2023, il-Kummissjoni ordnat lil *Illumina* tikkanċella l-akkwizzjoni tagħha ta' *GRAIL*², żewġ kumpaniji fl-Istati Uniti. Matul il-każ kollu, il-Kummissjoni baqgħet f'kuntatt mill-qrib mal-Kummissjoni Federali tal-Kummerċ tal-Istati Uniti li kellha tħassib simili dwar il-kompetizzjoni.

Il-politika dwar l-ġhajjnuna mill-Istat ġiet ikkontestata wkoll mix-xejriet globali u politiċi. Filwaqt li tibni fuq il-Qafas Temporanju ta' Kriżi³, il-Kummissjoni adottat il-Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni (TCTF, Temporary Crisis and Transition Framework)⁴ biex takkomoda wkoll miżuri ta' appoġġ f'setturi li huma kruċjali għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti, f'konformità mal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku. Filwaqt li l-iżviluppi ġeopolitiċi jistgħu jisfidaw l-interessi tal-UE, l-UE trid tibqa' leali għal-loġika fundamentali tal-kontroll tal-ġhajjnuna mill-Istat - biex jiġi evitat li l-ġhajjnuna mill-Istat iddgħajef is-Suq Uniku. Il-kompetittività ġejja mill-kompetizzjoni, mhux mis-sussidji, u l-fondi pubbliċi ma għandhomx jiffinanzjaw investimenti li s-settur privat ikun jista' jagħmel hu stess. Din hija r-raġuni għaliex ir-regoli tat-TCTF li jippermettu l-appoġġ għal setturi ewlenin huma limitati fiż-żmien u jinkludu salvagwardji stretti. It-tneħħija gradwali parzjali tat-taqsimiet tal-kriżi tat-TCTF lejn tmiem l-2023 u t-tneħħija gradwali skedata tat-taqsimiet tal-kriżi li fadal fl-2024 jibagħtu sinjal qawwi lill-Istati Membri u lill-kumpaniji għal dan l-għan. Bi tweġiba għal talba mill-Kunsill Ewropew li l-Kummissjoni "tirrapporta lill-Kunsill dwar l-impatt tal-politika dwar l-ġhajjnuna mill-Istat fuq l-integrità tas-Suq Uniku kif ukoll fuq il-kompetittività dinjija tal-UE"⁵. Dan ir-Rapport fih ħarsa ġenerali u analiżi komprensivi tal-ġhajjnuna mill-Istat u l-impatt tagħha fuq il-kompetizzjoni fis-Suq Uniku u fuq il-kompetittività tal-UE (ara t-Taqsimat 6).

Fl-2023, il-Kummissjoni wriet meta u kif il-politika tal-kompetizzjoni tal-UE trid tadatta biex iżżomm is-swieq tal-UE ġusti, kompetittivi u miftuħa għall-benefiċċju kemm tan-negozji kif ukoll tal-konsumaturi. Il-Kummissjoni se tkompli tagħmel dan aktar 'il quddiem.

Barra minn hekk, minn Mejju 2023, il-Kummissjoni qed tapplika r-regoli l-ġodda tal-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA, Digital Markets Act)⁶ biex iżżomm is-swieq diġitali miftuħa u kontestabbli. Rapport sħiħ tal-attivitajiet imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest tad-DMA fl-2023 huwa ppubblikat b'mod parallel ma' dan ir-rapport, kif previst fl-Artikolu 35 DMA. U f'Ottubru 2023, l-obbligi ta' notifika skont ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin (FSR, Foreign Subsidies

² Il-Kawża M.10939 - *Illumina/GRAIL*.

³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Qafas Temporanju ta' Kriżi għall-miżuri ta' Għajjnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija wara l-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja, (ĠU C 131I, 24.3.2022, p. 1).

⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni għall-miżuri ta' Għajjnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija wara l-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja 2023/C 101/03, C/2023/1711, ĠU C 101, 17.3.2023, p. 3.

⁵ Il-Laqgħa tal-Kunsill Ewropew (26 u 27 ta' Ottubru 2023), EUCO 14/23, il-paragrafu 22 (g).

⁶ Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali), ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1.

Regulation)⁷ daħlu fis-seħħ biex jindirizzaw id-distorsjonijiet tas-suq ikkawżati minn sussidji barranin.

2. L-użu tar-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat u l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza biex jittaffew l-effetti negattivi tax-xokkijiet ekonomiċi esterni

2.1. Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni

F'Marzu 2022, il-Kummissjoni adottat il-Qafas Temporanju għall-Kriżijiet (TCF, Temporary Crisis Framework)⁸ biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jappoġġaw l-ekonomija fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna. It-TCF oriġinali kien jinkludi għajjnuna mill-Istat maħsuba biex tindirizza l-kriżi ekonomika immedjata kkawżata mill-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, pereżempju appoġġ ta' likwidità fil-forma ta' garanziji mill-Istat u self sussidjat, għajjnuna biex tikkumpensa għall-prezzijiet għoljin tal-enerġija, u miżuri mmirati biex jappoġġaw it-tnaqqis fid-domanda għall-elettriku. It-TCF ġie emendat darbtejn - f'Lulju 2022 u f'Ottubru 2022 - hekk kif żviluppat il-kriżi.

F'Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat il-Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranzizzjoni⁹. Dan il-Qafas mhux biss jippermetti l-ghajjnuna għall-kriżijiet iżda jippermetti wkoll lill-Istati Membri jappoġġaw setturi ewlenin għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti, f'konformità mal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku.

B'mod partikolari, it-TCTF (i) jestendi sal-31 ta' Diċembru 2025 il-possibbiltà li l-Istati Membri jaċċelleraw l-introduzzjoni ta' skemi għall-enerġija rinnovabbli, għall-ħżin tal-enerġija u għad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni industrijali, (ii) jemenda l-kamp ta' applikazzjoni ta' tali miżuri biex jagħmilha aktar faċli għall-Istati Membri biex ifasslu skemi bħal dawn u jagħmluhom aktar effettivi, u (iii) jintroduċi miżuri ġodda, applikabbli sal-31 ta' Diċembru 2025, biex jaċċellera aktar l-investimenti f'setturi ewlenin għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti. It-TCTF jippermetti appoġġ għall-investment għall-manifattura ta' tagħmir strateġiku, jiġifieri batteriji, pannelli solari, turbini eoliċi, pompi tas-sħana, elettrolizzaturi, u l-użu u l-ħżin tal-qbid tal-karbonju, kif ukoll għall-produzzjoni ta' komponenti ewlenin u għall-produzzjoni u l-irkupru ta' materja prima kritika relatata, permezz ta' skemi jew għajjnuna individwali sal-ammont ta' sussidju li l-benefiċjarju jista' jirċievi għal investment ekwivalenti f'ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz barra miż-ŻEE, jew l-ammont meħtieġ biex il-kumpanija tiġi inċentivata tillokalizza l-investment fiż-ŻEE (l-hekk imsejħa "diskrepanza fil-finanzjament"), skont liema jkun l-inqas. .

⁷ Ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern, ĠU L 330, 23.12.2022, p. 1.

⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Qafas Temporanju ta' Kriżi għall-miżuri ta' Ghajjnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija wara l-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja, (ĠU C 131I, 24.3.2022, p. 1).

⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni għall-miżuri ta' Ghajjnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija wara l-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja, ĠU C 101, 17.3.2023, p.3.

F'Novembru 2023, wara konsultazzjoni mal-Istati Membri, il-Kummissjoni estendiet sat-30 ta' Ġunju 2024 taqsimiet li jippermettu lill-Istati Membri jagħtu ammonti limitati ta' għajjnuna (it-Taqsima 2.1) u għajjnuna biex tikkumpensa għall-prezzijiet għoljin tal-enerġija (it-Taqsima 2.4), b'mod partikolari fid-dawl tal-vulnerabbiltà li fadal tas-swieq tal-enerġija¹⁰ fejn l-industriji intensivi fl-enerġija huma partikolarment sensitivi.

Fl-2023, il-Kummissjoni adottat 220 deċiżjoni (li minnhom 91 kienu deċiżjonijiet ta' emenda) skont it-TCF u t-TCTF, li japprovaw 147 miżura nazzjonali nnotifikati minn 27 Stat Membru. Il-baġit globali li l-Istati Membri nnotifikaw lill-Kummissjoni taħt tali miżuri ta' għajjnuna mill-Istat ammonta għal madwar EUR 77,94 biljun. Għal aktar informazzjoni dwar l-Għajjnuna mill-Istat mogħtija taħt dawn iż-żewġ strumenti jekk jogħġbok irreferi għat-Taqsima 6 hawn taħt.

2.2. Tlestiet l-eliminazzjoni gradwali tal-Qafas Temporanju għall-Għajjnuna mill-Istat li jappoġġa l-ekonomija fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19

Minħabba li bdew jonqsu l-effetti tat-tifqigħa tal-coronavirus, fl-2023 il-Kummissjoni bdiet telimina gradwalment il-Qafas Temporanju li jappoġġa l-ekonomija fil-kuntest tat-tifqigħa tal-COVID-19 (“Qafas Temporanju għal miżuri ta' għajjnuna mill-Istat”)¹¹. Taqsimiet limitati ngħataw data ta' skadenza aktar tard, li ppermettiet li l-miżuri ta' appoġġ għall-investiment u għas-solvenza jkomplu sal-31 ta' Diċembru 2023¹². Barra minn hekk, il-Qafas Temporanju ppermetta tranżizzjoni flessibbli, b'salvagwardji ċari fis-seħħ, speċjalment għall-konverżjoni u r-ristrutturar ta' strumenti ta' dejn, bħal self u garanziji, f'forom oħra ta' assistenza, bħal għotjiet diretti, sat-30 ta' Ġunju 2023¹³.

2.3. L-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza

L-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF, Recovery and Resilience Facility)¹⁴ – il-qofol tal-inizjattiva NextGenerationEU – komplet fl-2023¹⁵. Flimkien u apparti mill-Politika ta' Koeżjoni, din għandha l-għan li tippromwovi l-koeżjoni fost l-Istati Membri billi ttaffi l-konsegwenzi soċjali u ekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 biex tħejji aħjar lill-UE għall-isfidi futuri, b'mod partikolari billi tappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

¹⁰Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Emenda tal-Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni għall-miżuri ta' Għajjnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija wara l-aggressjoni kontra l-Ukrajna mir-Russja, ĠU C, C/2023/1188, 21.11.2023, p. 1.

¹¹ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/statement_22_2980

¹² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Emenda għall-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' Għajjnuna mill-Istat biex jappoġġaw l-ekonomija fit-tifqigħa attwali tal-COVID-19, ĠU C 423, 7.11.2022, p. 9.

¹³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Is-Sitt Emenda fil-Qafas Temporanju għall-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat biex jingħata sostenn lill-ekonomija matul it-tifqigħa preżenti tal-COVID-19 u emenda fl-Anness tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Istati Membri dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni għal żmien qasir 2021/C 473/01, C/2021/8442, ĠU C 473, 24.11.2021, p. 1.

¹⁴ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_22_3131

¹⁵ Ara: https://ec.europa.eu/economy_finance/recovery-and-resilience-scoreboard/index.html?lang=mt

Il-biċċa l-kbira tal-miżuri ffinanzjati mill-RRF ma jikkostitwux għajnuna mill-Istat. Minn dawk li jagħmlu dan, il-maġġoranza tista' tiġi implimentata direttament mill-Istati Membri, jew taħt regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija¹⁶ jew taħt regolament *de minimis*¹⁷.

Madankollu, ġew innotifikati diversi miżuri għall-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni. Għal dan l-għan, f'April 2023 il-Kummissjoni ppubblikat mudelli ta' gwida aġġornati dwar l-għajnuna mill-Istat¹⁸ biex tassisti lill-Istati Membri fit-tfassil, f'konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat, ta' miżuri ta' appoġġ li għandhom jiġu inklużi fil-Pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-mudelli aġġornati jagħmluha aktar faċli għall-Istati Membri biex joħlqu miżuri ta' għajnuna mill-Istat li jikkontribwixxu aktar għall-implimentazzjoni tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, filwaqt li jnaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi u jaċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika kif stabbilit fil-Pjan REPowerEU. Fl-2023, il-Kummissjoni adottat aktar minn 50 deċiżjoni dwar l-għajnuna mill-Istat li jikkonċernaw miżuri ffinanzjati mill-RRF.

3. L-iżgurar li r-regoli tal-kompetizzjoni jibqgħu adattati għall-futur – Progress fuq aġenda politika estensiva

3.1. Aġġornament tar-regoli u l-gwida dwar l-antitrust u l-fużjonijiet

Ġew adottati r-Regoli dwar ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali

F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni adottat Regolamenti ta' Eżenzjoni ta' Kategorija Orizzontali dwar ftehimiet ta' Riċerka u Żvilupp (R&Ż)¹⁹ u dwar ftehimiet ta' Speċjalizzazzjoni²⁰ (flimkien HBERs, Horizontal Block Exemption Regulations), akkumpanjati minn Linji Gwida Orizzontali riveduti²¹. Ir-regoli riveduti jipprovdu gwida aġġornata biex jgħinu lin-negozji jivvalutaw il-kompatibbiltà tal-ftehimiet ta' kooperazzjoni tagħhom mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE, inklużi tipi ta' kooperazzjoni li jistgħu jikkontribwixxu għat-tranżizzjonijiet diġitali u ekoloġiċi. L-HBERs jeżentaw ċerti ftehimiet favur il-kompetizzjoni dwar ir-R&Ż u ftehimiet ta' speċjalizzazzjoni mill-projbizzjoni skont l-Artikolu 101(1) TFUE. Fost bidliet oħra, ir-regoli riveduti jespandu l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija ta' Speċjalizzazzjoni biex ikopri ftehimiet multipartitiċi għal aktar tipi ta' ftehimiet ta' produzzjoni u jipprovdu aktar flessibbiltà għall-kalkolu tal-ishma mis-suq.

¹⁶ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 651/2014 tas-17 ta' Ġunju 2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji ta' għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat, ĠU L 187, 26.6.2014, p. 1, kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2021/1237, ĠU L 270, 29.7.2021, p. 39.

¹⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*, ĠU L 352, 24.12.2013, p. 1.

¹⁸ Ara: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/rrf-guiding-templates_en

¹⁹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1066 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' akkordji ta' riċerka u żvilupp (ĠU L 143, 2.6.2023, p. 9).

²⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1067 tal-1 ta' Ġunju 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji ta' speċjalizzazzjoni, ĠU L 143, 2.6.2023, p. 20.

²¹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Linji Gwida dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-ftehimiet ta' kooperazzjoni orizzontali, ĠU C 259, 21.7.2023, p. 1.

Il-Linji Gwida Orizzontali riveduti ġew aġġornati biex jirriflettu l-ġurisprudenza reċenti u l-prattika tal-infurzar. Dawn fihom gwida estiża dwar l-iskambju ta' informazzjoni, inklużi forom diġitali ta' skambju, u dwar ix-xiri konġunt, inkluża d-distinzjoni bejn xiri konġunt leġittimu u kartelli tax-xerrejja. Kapitolu ġdid jipprovdi gwida dwar l-applikazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni għall-ftehimiet ta' sostenibbiltà.



Sors: il-Kummissjoni Ewropea.

Ġie estiż ir-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Vetturi bil-Mutur

L-UE għandha reġim speċifiku għal ftehimiet vertikali fis-settur tal-vetturi bil-mutur, ir-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Vetturi bil-Mutur (MVBER, Motor Vehicle Block Exemption Regulation)²², li kien mistenni li jiskadi fil-31 ta' Mejju 2023. F'April 2023, il-Kummissjoni estendiet l-MVBER għal 5 snin sal-31 ta' Mejju 2028. Il-Kummissjoni llimitat l-estensjoni għal 5 snin biex tkun tista' tirreaġixxi fil-ħin għall-iżviluppi tas-suq, bħal dawk li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni tal-vetturi, l-eletrifikazzjoni, u xejriet ġodda ta' mobbiltà.

²² Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 461/2010 tas-27 ta' Mejju 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal kategoriji ta' akkordji vertikali u prattiċi miftiehma fis-settur tal-vetturi bil-mutur, ĠU L 129, 28.5.2010, p. 52 kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/822 tas-17 ta' April 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 461/2010 fir-rigward tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu, ĠU L 102, I, 17.4.2023, p. 1.

Il-Kummissjoni aġġornat ukoll il-Linji Gwida Supplimentari²³ għas-settur. Id-*data* ġġenerata mill-vetturi qed issir fattur dejjem aktar importanti tal-kompetizzjoni għall-operaturi tat-tiswija u tal-manutenzjoni. Il-Linji Gwida riveduti se jgħinu lill-kumpaniji fis-settur awtomobilistiku jivvalutaw il-kompatibbiltà tal-ftehimiet vertikali tagħhom mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE, filwaqt li jiżguraw li l-operaturi tas-suq ta' wara l-bejgħ, inklużi l-garaxxijiet, ikompli jkollhom aċċess għad-*data* ġġenerata mill-vetturi meħtieġa għat-tiswija u l-manutenzjoni.

Ġie adottat il-pakkett ta' simplifikazzjoni tal-fużjonijiet

F'April 2023, il-Kummissjoni adottat il-pakkett ta' simplifikazzjoni tal-fużjonijiet. Dan jinkludi: (i.) Regolament ta' Implimentazzjoni rivedut²⁴, (ii.) Avviż dwar Proċedura Simplifikata²⁵, u (iii.) Komunikazzjoni dwar it-trażmissjoni ta' dokumenti²⁶. Il-pakkett għandu l-għan li jissimplifika u jespandi l-kamp ta' applikazzjoni tal-proċess ta' rieżami tal-Kummissjoni ta' fużjonijiet mhux problematiċi (każijiet simplifikati). Dan inaqqas ukoll l-ammont ta' informazzjoni meħtieġa għan-notifika tat-tranżazzjonijiet u jintroduċi notifiċi elettroniċi bħala prestabbiliti. L-Avviż jelenka f'aktar dettall iċ-ċirkostanzi fejn il-Kummissjoni tista' tinvestiga każ skont il-proċedura normali ta' rieżami anki jekk tikkwalifika formalment għal trattament simplifikat. Ir-regoli dwar is-simplifikazzjoni tal-fużjonijiet daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Settembru 2023.

Ġew adottati linji gwida dwar il-ftehimiet ta' sostenibbiltà fl-agrikoltura

L-Artikolu 101 TFUE jipprojbixxi ftehimiet bejn kumpaniji li jirrestrinġu l-kompetizzjoni, bħal dawk bejn kompetituri li jwasslu għal prezzijiet oġhla jew kwantitajiet imnaqqsa. Madankollu, l-Artikolu 210a tar-Regolament 1308/2013 (ir-Regolament dwar l-OKS)²⁷ jeskludi ċerti ftehimiet restrittivi fis-settur agrikolu mill-kamp ta' applikazzjoni ta' din il-projbizzjoni ġenerali meta tali ftehimiet ikunu indispensabbli biex jintlaħqu standards ta' sostenibbiltà. Wara konsultazzjoni pubblika fl-ewwel nofs tal-2023²⁸ dwar l-abbozz tal-Linji Gwida dwar l-Artikolu 210a tar-Regolament dwar l-OKS²⁹, il-

²³ L-Avviż tal-Kummissjoni: Linji gwida supplimentari dwar restrizzjonijiet vertikali f'akkordji dwar il-bejgħ u t-tiswija ta' vetturi bil-mutur u d-distribuzzjoni ta' partijiet tal-bdil għal vetturi bil-mutur, ĠU C 138, 28.5.2010, p. 16 kif emendat mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Emendi għall-Avviż tal-Kummissjoni – Linji gwida supplimentari dwar restrizzjonijiet vertikali f'akkordji dwar il-bejgħ u t-tiswija ta' vetturi bil-mutur u d-distribuzzjoni ta' partijiet tal-bdil għal vetturi bil-mutur 2023/C 133 I/01, ĠU C 133, I, 17.4.2023, p. 1.

²⁴ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) [2023/914] li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004, ĠU L 119, 5.5.2023, p. 22.

²⁵ L-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi, ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

²⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni – Komunikazzjoni skont l-Artikoli 3(2), 13(3), 20 u 22 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/914 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 802/2004, ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

²⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jstabilizzaxxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzati u (UE) Nru 228/2013 li jstabilizzaxxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, ĠU L 435, 6.12.2021, p. 262.

²⁸ Il-Konsultazzjoni pubblika dwar l-abbozz tal-linji gwida għall-ftehimiet ta' sostenibbiltà fl-agrikoltura, mill-10.01.2023 sal-24.04.2023, ara:

https://competition-policy.ec.europa.eu/public-consultations/2023-sustainability-agreements-agriculture_mt

²⁹ Ara: https://competition-policy.ec.europa.eu/about/reaching-out/sustainability-guidelines-agri-food-supply-chain_mt

Kummissjoni adottat il-Linji Gwida f'Diċembru 2023. Il-Linji Gwida għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-adozzjoni ta' ftehimiet ta' sostenibbiltà fl-agrikoltura billi jispjegaw kif għandhom jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għall-esklużjoni stabbiliti fl-Artikolu 210a tar-Regolament dwar l-OKS u billi jipprovdu eżempji konkreti.

L-ebda estensjoni tal-eżenzjoni ta' kategorija għall-konsorzji tat-tbaħħir tal-linja

Is-servizzi tat-tbaħħir tal-linja jinvolvu l-ġarr regolari u skedat ta' trasport ta' merkanzija mhux bl-ingrossa tul rotta speċifika. Dawn jiġu pprovduti regolarment minn diversi kumpaniji tat-tbaħħir organizzati f'konsorzji. Ir-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija tal-Konsorzji ("CBER", Consortia Block Exemption Regulation) jippermetti lill-kumpaniji tat-tbaħħir tal-linja jikkollaboraw f'ċerti konfini mingħajr ma jiksru l-liġi tal-kompetizzjoni tal-UE. Fiż-żmien tal-adozzjoni fl-2009, l-oġettiv primarju ta' din l-eżenzjoni kien li tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni fost il-linji tat-tbaħħir biex tittejjeb l-effiċjenza operazzjonali, jiġi ottimizzat l-użu tal-bastimenti, u tittejjeb il-kwalità tas-servizz. Madankollu, wara l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni sabet li l-għadd ta' konsorzji koperti mis-CBER kien relattivament baxx. L-effettività u l-effiċjenza tas-CBER huma għalhekk limitati. Il-Kummissjoni ddeċidiet li ma testendix l-eżenzjoni ta' kategorija u tħalliha tiskadi fil-25 ta' April 2024³⁰.

Bdew it-tnejniet għal-Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE

F'Marzu 2023, il-Kummissjoni ppubblikat sejħa għal evidenza għal-Linji Gwida futuri dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 102 TFUE għal aġir ta' esklużjoni³¹. Il-Linji Gwida se jirriflettu l-ġurisprudenza tal-UE kif ukoll l-esperjenza estensiva miksuba mill-Kummissjoni fl-infurzar tal-Artikolu 102 TFUE. Il-Kummissjoni se tippubblika abbozz tal-Linji Gwida għall-konsultazzjoni pubblika u se tikkunsidra bir-reqqa s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkonċernati.

Tkompliet l-evalwazzjoni tar-Regolament 1/2003

Ir-Regolament 1/2003³² u l-att ta' implimentazzjoni tiegħu, ir-Regolament 773/2004³³ jistabbilixxi qafas proċedurali bl-għan li jiżgura l-applikazzjoni effettiva u uniformi tal-Artikoli 101 u 102 TFUE fl-UE. Maż-żmien tfaċċaw sfidi ġodda għall-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni, pereżempju relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u l-kumplexità dejjem akbar tal-investigazzjonijiet tal-antitrust.

³⁰ Il-Komunikazzjoni lill-Kummissjoni Skadenza tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 906/2009 tat-28 ta' Settembru 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 81(3) tat-Trattat għal ċerti kategoriji ta' akkordji, deċiżjonijiet u prattiċi miftiehma bejn il-kumpaniji marittimi tal-linja (konsorzji), 10.10.2023, C(2023) 6700 final.

³¹ Is-Sejħa għal Evidenza rigward linji gwida dwar l-abbużi li jwasslu għal esklużjoni minn impriżi dominanti, mis-27.03.2023 sal-24.04.2023, ara: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13796-Dritt-tal-kompetizzjoni-tal-Unjoni-Linji-gwida-dwar-l-abbuz-li-jwassal-g%C4%A7al-eskluzjoni-minn-imprizi-dominanti_mt

³² Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (Test b' rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1.

³³ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) numru 773/2004 tas-7 ta' April 2004 dwar it-tmexxija ta' proċeduri mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 81 sa 82 tat-Trattat tal-KE (Test b' rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 123, 27.4.2004, p. 18.

Wara konsultazzjoni pubblika fl-2022³⁴, il-Kummissjoni kompliet bl-evalwazzjoni tagħha fl-2023. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni organizzat workshop ma' varjetà wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati f'Ottubru 2023. Il-Kummissjoni kkummissjonat ukoll studju ta' appoġġ għall-evalwazzjoni. Matul l-evalwazzjoni, il-Kummissjoni qed tikkordina mal-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni.

Evalwazzjoni tar-regoli dwar ftehimiet dwar it-trasferiment ta' teknoloġija

F'Novembru 2022, il-Kummissjoni nediet evalwazzjoni tar-Regolament dwar l-eżenzjoni ta' kategorija tat-trasferiment tat-teknoloġija (REKTT)³⁵ u l-linji gwida li jakkumpanjawha³⁶. Din il-ħidma kompliet matul l-2023. L-evalwazzjoni se tippermetti lill-Kummissjoni tiddeċiedi jekk ir-REKTT għandux jitħalla jiskadi, jiġi estiż, jew rivedut.

3.2. Aġġornament tar-regoli u l-gwida dwar l-għajnuna mill-Istat

Ġie emendat ir-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija

F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni adottat emenda mmirata għar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija (GBER, General Block Exemption Regulation) biex tkompli tissimplifika u tħaffef l-appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE, filwaqt li tiżgura l-funzjonament tas-Suq Uniku³⁷. Il-GBER rivedut jagħti lill-Istati Membri aktar flessibbiltà biex ifasslu u jimplementaw miżuri ta' appoġġ mill-Istat f'setturi ewlenin għat-tranżizzjoni lejn in-newtralità klimatika u għal industrija b'emissjonijiet żero netti. Barra minn hekk, dan se jgħin biex jitħaffu l-investment u l-finanzjament għall-produzzjoni tat-Teknoloġija Nadifa fl-UE, f'konformità mal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku³⁸.

Il-GBER rivedut iżid u jissimplifika l-possibbiltajiet li tingħata għajnuna mill-Istat għall-protezzjoni ambjentali u l-enerġija. Barra minn hekk, jiffaċilita l-appoġġ ta' Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI, Important Projects of Common European Interest) fl-oqsma tar-riċerka u l-iżvilupp u jestendi l-possibbiltajiet għat-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid tal-impjegati. Jiffaċilita wkoll l-għoti ta' għajnuna fil-forma ta' prezzijiet regolati għall-elettriku, il-gass jew is-sħana billi jinkludi din il-kategorija fil-kamp ta' applikazzjoni tal-GBER. Il-GBER rivedut iżid ukoll il-limiti ta' notifika għall-għajnuna ambjentali kif ukoll l-għajnuna għar-Riċerka, Żvilupp u Innovazzjoni (RŻI). Barra minn hekk, il-GBER rivedut jiċċara u jissimplifika l-possibbiltajiet għal għajnuna għall-finanzjament

³⁴ Il-Konsultazzjoni pubblika dwar ir-regoli proċedurali tal-antitrust tal-UE - evalwazzjoni, mit-30.6.2022 sas-6.10.2022, ara: https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13431-Regoli-procedurali-tal-antitrust-tal-UE-evalwazzjoni_mt

³⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 316/2014 tal-21 ta' Marzu 2014 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) TFUE għal kategoriji ta' ftehimiet dwar trasferiment ta' teknoloġija, ĠU L 93, 28.3.2014, p. 17.

³⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji Gwida dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE għal ftehimiet dwar it-trasferiment ta' teknoloġija, ĠU C 89, 28.3.2014, p. 3.

³⁷ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/1315 tat-23 ta' Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 651/2014 li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-għajnuna huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat u r-Regolament (UE) 2022/2473 li jiddikjara li ċerti kategoriji tal-għajnuna lil impriżi li huma attivi fil-produzzjoni, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura huma kompatibbli mas-suq intern skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), C/2023/4278, ĠU L 167, 30.6.2023, p. 1.

³⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti, COM(2023) 62 final.

ta' riskju għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises). Id-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw in-networks tal-broadband fissi u mobbli huma wkoll iċċarati u estiżi f'oqsma ewlenin, bħall-possibbiltà li jiġi ffinanzjat tagħmir mobbli attiv u dispożizzjonijiet għodda għal networks backhaul. Il-GBER ġie estiż sa tmiem l-2026 u d-dispożizzjonijiet tal-GBER ġew allinjati mal-Linji Gwida riveduti dwar l-Għajnuna Reġjonali, il-Linji Gwida dwar l-għajnuna għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija, il-Linji Gwida dwar il-Finanzjament ta' Riskju, il-Qafas għar-Riċerka, l-Iżvilupp u l-Innovazzjoni u l-Linji Gwida dwar il-Broadband.

Ġie adottat ir-regolament ġenerali de minimis rivedut

F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni adottat ir-regolament ġenerali *de minimis* il-ġdid³⁹, filwaqt li r-regolament *de minimis* preċedenti skada fil-31 ta' Diċembru 2023. Ir-Regolament jeżenta ammonti żgħar ta' għajnuna mill-kamp ta' applikazzjoni tal-kontroll tal-għajnuna mill-Istat tal-UE minħabba li jitqiesu li ma għandhom l-ebda effett fuq il-kummerċ bejn l-Istati Membri u biex ma johlqux distorsjoni jew jheddu li jfixklu l-kompetizzjoni. L-eżenzjoni mill-kontroll tal-għajnuna mill-Istat għal ammonti żgħar ta' għajnuna tnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv għall-kumpaniji - b'mod partikolari l-SMEs - u għall-Istati Membri. Il-bidliet ewlenin huma żieda fil-limitu massimu ta' EUR 300 000 fuq 3 snin biex isir aġġustament għall-inflazzjoni u l-introduzzjoni ta' reġistru *de minimis* obligatorju fil-livell nazzjonali jew tal-UE biex tiżdied it-trasparenza. Filwaqt li skont ir-regolament preċedenti, in-negozji kienu meħtieġa jżommu rekord tal-għajnuna *de minimis* riċevuta, ir-Regolament *de minimis* il-ġdid jinkludi l-obbligu għall-Istati Membri kollha li mill-2026 jipprovdu informazzjoni kompluta dwar l-għajnuna *de minimis* mogħtija f'reġistru ċentrali fil-livell nazzjonali jew tal-UE u li jivverifikaw li kwalunkwe għotja ġdida ta' għajnuna ma taqbiżx il-limitu massimu rilevanti.

Ġie adottat ir-Regolament de minimis dwar l-SGEI rivedut

F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament (UE) 2023/2832 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali (SGEI, services of general economic interest)⁴⁰. Dan ir-Regolament daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2024 u jissostitwixxi r-Regolament (KE) Nru 360/2012⁴¹, li skada fil-31 ta' Diċembru 2023. Il-Kummissjoni ddeċidiet li żżid il-limitu tal-għajnuna *de minimis* għall-SGEI għal EUR 750 000 għal kull impriża li tipprovdi SGEI fuq kwalunkwe perjodu ta' 3 snin.

³⁹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2831 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*, ĠU L, 2023/2831, 15.12.2023, p. 1.

⁴⁰ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2832 tat-13 ta' Diċembru 2023 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali, ĠU L, 2023/2832, 15.12.2023, p. 1.

⁴¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 360/2012 tal-25 ta' April 2012 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal għajnuna *de minimis* mogħtija lil impriżi li jipprovdu servizzi ta' interess ekonomiku ġenerali Test b'rilevanza għaż-ŻEE, ĠU L 114, 26.4.2012, p. 8.

Ġew adottati r-regoli riveduti dwar l-ghajjnuna mill-Istat għas-setturi tal-agrikoltura, tal-forestrija, tas-sajd u tal-akkwakultura

F'Jannar 2023, daħlu fis-seħħ ir-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija għall-Agricoltura (ABER, Agricultural Block Exemption Regulation) rivedut u r-Regolament ta' Eżenzjoni ta' Kategorija tas-Sajd (FIBER, Fishery Block Exemption Regulation), u l-Linji Gwida għall-ghajjnuna mill-Istat għas-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali (il-Linji Gwida Agrikoli)⁴². Il-Linji Gwida għall-ghajjnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura (il-Linji Gwida dwar is-Sajd), approvati mill-Kummissjoni f'Diċembru 2022, japplikaw minn April 2023⁴³.

L-ABER u l-FIBER jestendu l-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri ta' eżenzjoni ta' kategorija. Ir-regoli l-ġodda huma eżentati bħala kategorija sa 50 % tal-każijiet li kellhom jiġu nnotifikati skont il-qafas l-antik. Il-Linji Gwida Agrikoli u l-Linji Gwida tas-Sajd il-ġodda jirriflettu l-esperjenza tal-każ tal-Kummissjoni kif ukoll il-prijoritajiet strateġiċi attwali tal-UE, b'mod partikolari l-Politika Agrikola Komuni, il-Politika Komuni tas-Sajd, il-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u l-Patt Ekoloġiku Ewropew, l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt kif ukoll l-Istrateġija għall-Bijodiversità. Il-Linji Gwida tas-Sajd riveduti jgħinu lill-Istati Membri jilhqqu l-miri ekoloġiċi ambizzjużi tal-UE billi jtejbju l-effiċjenza enerġetika u jtaffu l-effett tat-tibdil fil-klima.

F'Ottubru 2023, il-Kummissjoni adottat emenda għar-Regolament *de minimis* għas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura⁴⁴. Ir-Regolament rivedut iżid il-limitu massimu tal-ghajjnuna *de minimis* għal kull kumpanija fuq 3 snin, minn EUR 30 000 għal EUR 40 000. Barra minn hekk, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura ma għadhomx koperti mir-Regolament *de minimis* dwar is-Sajd iżda mir-Regolament *de minimis* Ġenerali.

Ġie adottat il-kodiċi ta' prattiki tajba tal-IPCEI

Il-Komunikazzjoni tal-IPCEI⁴⁵ tistabbilixxi l-kriterji ta' eliġibbiltà u kompatibbiltà li l-Kummissjoni tapplika fil-valutazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat mogħtija għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI). Wara l-valutazzjoni u l-approvazzjoni sussegwenti tal-ghajjnuna mill-Istat għal għadd ta' IPCEI, l-Istati Membri u l-Kummissjoni kisbu esperjenza fil-valutazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat għall-IPCEI. Abbażi ta' din l-esperjenza, f'Mejju 2023 il-Kummissjoni ħejjiet kodiċi ta' prattiki tajba għat-tfassil tal-IPCEI⁴⁶, li jippermetti valutazzjoni simplifikata. Dan il-Kodiċi

⁴² Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji Gwida għall-ghajjnuna mill-Istat fis-setturi tal-agrikoltura u tal-forestrija u fiż-żoni rurali 2022/C 485/01, ĠU C 485, 21.12.2022, p. 1.

⁴³ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni - Linji Gwida għall-ghajjnuna mill-Istat fis-settur tas-sajd u tal-akkwakultura, ĠU C 107, 23.3.2023, p. 1.

⁴⁴ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/2391 tal-4 ta' Ottubru 2023 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 717/2014, (UE) Nru 1407/2013, (UE) Nru 1408/2013 u (UE) Nru 360/2012 fir-rigward tal-ghajjnuna *de minimis* għall-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura, u r-Regolament (UE) Nru 717/2014 fir-rigward tal-ammont totali ta' ghajjnuna *de minimis* mogħtija lil impriża waħda, il-perjodu ta' applikazzjoni tagħha u kwistjonijiet oħra, ĠU L 2391, 5.10.2023, p. 1.

⁴⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni Kriterji għall-analiżi tal-kompatibbiltà mas-suq intern tal-ghajjnuna mill-Istat għall-promozzjoni tal-eżekuzzjoni ta' proġetti importanti ta' interess Ewropew komuni 2021/C 528/02 (ĠU C 528, 30.12.2021, p. 10).

⁴⁶ DG COMP Code of good practices for a transparent, inclusive, faster design and assessment of IPCEIs, is-17 ta' Mejju 2023, ara: https://competition-policy.ec.europa.eu/system/files/2023-05/IPCEIs_DG_COMP_code_of_good_practices.pdf

la jesprimi pożizzjoni legali applikabbli u lanqas ma jikkostitwixxi approç legalment vinkolanti għall-parteċipanti diretti tal-IPCEI. Lanqas ma joħloq aktar drittijiet, u lanqas ma jimponi xi obbligi ġodda.

Forum Konġunt Ewropew għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni

Fil-ħarifa tal-2023, il-Kummissjoni nediet il-Forum Konġunt Ewropew għal Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (JEF-IPCEI, Joint European Forum for Important Projects of Common European Interest)⁴⁷, li ltaqa' għall-ewwel darba fl-20 ta' Ottubru 2023. Il-forum - sħubija bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri - ikopri ċ-ċiklu tal-ħajja kollu tal-IPCEI u għandu l-għan li jżid l-effettività tat-tfassil, il-valutazzjoni (abbażi tar-regoli eżistenti dwar l-Għajnuna mill-Istat) u l-implimentazzjoni tal-IPCEI kif ukoll jidentifika oqsma ta' interess strateġiku tal-UE għal IPCEI futuri potenzjali. Il-JEF-IPCEI jaħdem lejn dawn l-oġettivi billi jallinja aħjar l-IPCEI ġodda potenzjali mal-oġettivi ta' politika tal-istrateġija industrijali tal-UE. Il-JEF-IPCEI se jiltaqa' diversi drabi fis-sena.

Ġew adottati Linji Gwida Interpretattivi dwar ir-Regolament (UE) Nru 1370/2007

Fl-2023, il-Kummissjoni adottat verżjoni riveduta tal-Linji Gwida Interpretattivi dwar ir-Regolament (UE) Nru 1370/2007 dwar l-obbligi tas-servizz pubbliku fuq l-art⁴⁸. L-għan tal-linji gwida huwa li jipprovdu aktar gwida lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati dwar l-applikazzjoni ta' diversi dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament, fid-dawl tal-bidliet li ġab miegħu r-raba' Pakkett Ferrovjarju u l-ġurisprudenza rilevanti tal-Qrati tal-UE.

Evalwazzjonijiet

F'konformità mal-Linji Gwida għal Regolamentazzjoni Aħjar, id-DĠ Kompetizzjoni kompli l-evalwazzjonijiet tiegħu tar-regoli għall-għajnuna mill-Istat lill-banek f'diffikultà⁴⁹ u għall-għajnuna fil-forma ta' garanziji pubbliċi⁵⁰.

4. L-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni kkontribwixxa għall-prijoritajiet prinċipali tal-Kummissjoni

Il-preservazzjoni tad-dixxiplina tas-suq permezz ta' infurzar effettiv tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE hija ta' importanza vitali għat-trasformazzjoni ekoloġika u diġitali tal-ekonomija tal-UE kif ukoll

⁴⁷ [Forum Ewropew Konġunt għall-IPCEI - Kummissjoni Ewropea \(europa.eu\)](https://europa.eu/press-room/en/infographic-2023-08-23-jef-ipcei)

⁴⁸ L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-linji gwida interpretattivi li jikkonċernaw ir-Regolament (KE) Nru 1370/2007 dwar servizzi pubbliċi tat-trasport tal-passiġġieri bil-ferrovija u bit-triq 2023/C 222/01, C/2023/3978, ĠU C 222, 26.6.2023, p. 1.

⁴⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat għal miżuri ta' appoġġ favur il-banek fil-kuntest tal-kriżi finanzjarja ("il-komunikazzjoni dwar il-banek tal-2013"), ĠU C 216, 30.7.2013, p. 1 u l-komunikazzjonijiet relatati: il-Komunikazzjoni tal-2009 dwar ir-Rikapitalizzazzjoni (2009/C10/03), il-Komunikazzjoni tal-2009 dwar l-Assi Indeboliti (2009/C72/01), il-Komunikazzjoni tal-2009 dwar ir-Ristrutturar (2009/C195/04), il-Komunikazzjoni tal-2010 dwar l-Estensjoni (2010/C329/07), Komunikazzjoni tal-2011 dwar l-Estensjoni (2011/C356/02).

⁵⁰ L-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji (ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10).

għall-bini ta' ekonomija għas-servizz tan-nies. Barra minn hekk, l-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni jikkontribwixxi għat-tneħħija tal-ostakli li fadal għas-Suq Uniku u jelimina r-restrizzjonijiet tas-suq. Min-natura tiegħu, is-Suq Uniku jgħin biex tiżdied ir-reżiljenza ekonomika tal-ekonomija tal-UE billi jsaħħaħ l-inċentivi għall-investment, l-innovazzjoni, id-diversifikazzjoni tal-ktajjen tal-provvista u s-sejba ta' opportunitajiet ġodda ta' negozju.

4.1. L-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni kkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u għal Suq Uniku b'saħħtu u reżiljenti

Billi tagħmel is-swieq jaħdmu aħjar għall-konsumaturi, in-negozji u s-soċjetà, il-politika tal-kompetizzjoni għandha rwol kruċjali hekk kif l-UE tistinka għal tmexxija diġitali globali. It-tranżizzjoni diġitali għandha impatt profund fuq kull aspekt tal-ekonomija u s-soċjetà. Billi tistimula l-bidla u tixpruna l-innovazzjoni, il-politika tal-kompetizzjoni tgħin lill-UE tisfrutta l-potenzjal sħiħ tal-era diġitali. L-infurzar fl-antitrust ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u għal Suq Uniku b'saħħtu u reżiljenti.

L-infurzar tal-antitrust ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u għal Suq Uniku b'saħħtu u reżiljenti

L-unità ċentrali tal-ipproċessar (CPU, central processing unit) hija wieħed mill-komponenti ewlenin fi kwalunkwe kompjuter, għalhekk huwa kruċjali għas-settur diġitali kollu li s-suq għas-CPU's jibqa' kompetittiv. Fl-2009, il-Kummissjoni mmultat lil Intel EUR 1,06 biljun għal ksur tal-Artikolu 102 TFUE. Intel instabet li kienet involuta f'żewġ forom ta' mgħiba illegali⁵¹. Intel tat tnaqqis lill-manifatturi ta' kompjuters bil-kundizzjoni li dawn jixtru s-CPU's x86 kollha tagħhom, jew kważi kollha, mingħand Intel ("tnaqqis kundizzjonali"). Intel għamlet ukoll pagamenti diretti lill-manifatturi tal-kompjuters biex twaqqaf jew iddewwem it-tneđija ta' prodotti speċifiċi li fihom CPU's x86 tal-kompetituri ("restrizzjonijiet ovvj"). Fl-2022, il-Qorti Ġenerali annullat parzjalment id-deċiżjoni inizjali tal-Kummissjoni tal-2009, fir-rigward tat-tnaqqis kundizzjonali. Wara dan, f'Settembru 2023, il-Kummissjoni adottat mill-ġdid deċiżjoni li timponi multa fuq Intel ta' EUR 376,36 miljun għar-restrizzjonijiet ovvj.

Is-servizzi ta' abbonament tal-mużika diġitali jintużaw b'mod wiesa' mill-konsumaturi fl-UE, u dan jagħmilha importanti li l-kompetizzjoni f'dan is-settur taħdem tajjeb. Għal dan l-għan, fi Frar 2023 il-Kummissjoni ħarġet Dikjarazzjoni ta' Ogġezzjonijiet⁵² lil Apple billi infurmat lill-kumpanija dwar il-fehma preliminari tagħha li Apple abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha billi rrestrinġiet il-kapaċità tal-iżviluppaturi tal-applikazzjonijiet li jinfurmaw lill-utenti tal-iPhone u tal-iPad bis-servizzi alternattivi ta' abbonament tal-mużika. Il-Kummissjoni kienet tal-fehma preliminari li l-obbligi anti-steering ta' Apple huma kundizzjonijiet kummerċjali inġusti bi ksur tal-Artikolu 102 TFUE.

⁵¹ Il-Każ AT. 37990 - Intel.

⁵² Il-Każ AT.40437, Apple - Prattiki tal-App Store (l-istreaming tal-mużika).

F'Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet maħruġa f'Ġunju 2023, il-Kummissjoni infurmat lil Google bil-fehma preliminari tagħha li Google kisret l-Artikolu 102 TFUE billi ħolqot distorsjoni tal-kompetizzjoni fl-industrija tat-teknoloġija tar-reklamar (adtech)⁵³. Google hija preżenti fil-livelli kollha tal-katina tal-provvista tal-adtech. Jekk titnaqqas il-kompetizzjoni għas-servizzi adtech, din ikollha impatt wiesa' fis-settur diġitali minħabba li mhux biss il-kompetituri diretti ta' Google jiġu affettwati b'mod negattiv iżda wkoll il-pubblikaturi u r-reklamaturi nfishom. Il-Kummissjoni hija mħassba li Google ffavoriet is-servizzi adtech online tagħha stess għadetriment tal-kompetituri, tar-reklamaturi u tal-pubblikaturi online. Is-sejba preliminari tal-Kummissjoni hija li Google abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha billi ffavoriet il-borża għall-irkant tar-reklamar tagħha stess AdX fl-irkant tal-għażla tar-reklami mmexxi mill-adserver tagħha, DFP, u billi ffavoriet lil AdX fil-mod kif Google Ads u DV360 jagħmlu offerti fuq boroż għall-irkant tar-reklamar.

L-iffurmar ta' kartell huwa wieħed mill-aktar ksur serji tal-kompetizzjoni. Il-kartelli jikkawżaw ħsara serja lill-ekonomija mingħajr ma jtejbu l-effiċjenza. Billi jimponu prezzijiet oġhla u jillimitaw il-produzzjoni, il-kartelli orizzontali jnaqqsu l-effiċjenza ekonomika u l-benesseri. Dawn jiskoraġġixxu lin-negozji milli jiżviluppaw prodotti u teknoloġiji ġodda, u b'hekk inaqqsu l-innovazzjoni u l-għażla tal-konsumatur.

F'Settembru 2023, il-Kummissjoni ssanzjonat għall-ewwel darba kartell fis-settur tad-difiża u imponiet fuq Diehl multa ta' EUR 1,2 miljun talli pparteċipat flimkien mal-kompetitur tagħha RUAG⁵⁴ f'kartell dwar il-bejgħ ta' granati tal-idejn militari. RUAG ma ġietx immultata minħabba li żvelat il-kartell lill-Kummissjoni skont il-programm ta' klemenza tal-UE. Il-Kummissjoni sabet li l-kumpaniji qasmu s-swieq nazzjonali bejniethom fiż-ŻEE għal kważi 14-il sena. Iż-żewġ kumpaniji ammettew l-involviment tagħhom fil-kartell u qablu li jsolvu l-każ.

F'Ottubru 2023, il-Kummissjoni adottat ukoll deċiżjoni kontra kartell fis-settur farmaċewtiku. Hija mmultat lil Alkaloids of Australia, Alkaloids Corporation, Boehringer, Linnea u Transo-Pharm total ta' EUR 13,4 miljun fi proċedura ta' riżolviment talli pparteċipaw f'kartell dejjiemi li jikkonċerna l-ingredjenti farmaċewtiku N-Butylbromide Scopolamine/hyosine (SNBB) meħtieġ għall-produzzjoni ta' mediċini kontra l-ispażmi addominali⁵⁵. C2 PHARMA ma ġietx immultata minħabba li żvelat il-kartell lill-Kummissjoni taħt il-programm ta' klemenza tal-UE. Is-sitt kumpaniji kkoordinaw u qablu li jiffissaw il-prezz minimu tal-bejgħ tal-SNBB lill-klijenti tagħhom (distributuri u manifatturi tal-mediċini ġeneriċi) u li jallokaw il-kwoti. Barra minn hekk, il-kumpaniji skambjaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva.

⁵³ Il-Każ AT.40670 - *Google – Prattiki relatati mal-Adtech u d-Data*.

⁵⁴ Il-Każ AT.40760 - *Granati tal-idejn*.

⁵⁵ Il-Każ AT.40636 - *SNBB*.

F'Novembru 2023, il-Kummissjoni mmultat lil Rabobank EUR 26,6 miljun talli pparteċipa f'kartell li jikkonċerna n-negozjar ta' ċerti bonds denominati f'euro ma' Deutsche Bank⁵⁶. Dan tal-aħħar ma għiex immultat peress li żvela l-kartell lill-Kummissjoni skont il-programm ta' klemenza tal-UE. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni żvelat li bejn l-2006 u l-2016 iż-żewġ banek, permezz ta' xi wħud min-negozjanti tagħhom, skambjaw informazzjoni kummerċjalment sensittiva u kkoordinaw l-istrateġiji kummerċjali u tal-ipprezzar tagħhom.

F'Novembru 2023⁵⁷, il-Kummissjoni infurmat lil sitt kumpaniji u lil assoċjazzjoni kummerċjali waħda dwar il-fehma preliminari tagħha li huma kisru r-regoli tal-antitrust billi fteihmu biex iżidu l-prezzijiet tal-istarter batteries tal-karozzi mibjugħa lill-produtturi tal-karozzi fiż-ŻEE.

Fl-aħħar nett, fis-settur tal-merċa, fl-2023 il-Kummissjoni kompliet bl-investigazzjoni tagħha dwar ir-restrizzjonijiet possibbli minn Mondelez tal-kummerċ parallel bejn l-Istati Membri għaċ-ċikkulata, il-gallettini u l-prodotti tal-kafè.⁵⁸ Il-Kummissjoni bdiet ukoll investigazzjoni dwar l-allegati Prattiki ta' esklużjoni tas-suq fis-swieq tax-xorb enerġetiku u għamlet spezzjonijiet mingħajr avviż fuq Red Bull⁵⁹.

Fl-2023, il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet għal għarrieda f'varjetà ta' setturi, pereżempju fis-setturi tal-fwieha⁶⁰, tax-xorb enerġetiku⁶¹, tal-moda⁶², tal-apparat mediku⁶³, tas-sustanzi kimiċi tal-kostruzzjoni⁶⁴, u tal-konsenja tal-ikel online⁶⁵.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża *Videogames*⁶⁶

F'Settembru 2023, il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni ta' ksur tal-Kummissjoni kontra Valve fil-Kawża *Videogames*. Fid-deċiżjoni tagħha, il-Kummissjoni sabet li Valve u ħames pubblikaturi tal-logħob tal-kompjuter tal-PC kienu daħlu fi ftehimiet/prattiki miftiehma antikompetittivi li jirrestrinġu l-importazzjonijiet paralleli tal-logħob tal-kompjuter tal-PC permezz tal-imblukkar ġeografiku. Il-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-ftehimiet/prattiki miftiehma kienu antikompetittivi minħabba l-għan li kienu intenzi li jirrestrinġu l-importazzjonijiet paralleli u li l-kuntest legali u ekonomiku ma kienx ta' natura li jikkontesta dan. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-Artikolu 101(1) TFUE jirreferi għall-ftehimiet u l-prattiki miftiehma kollha li joħlqu distorsjoni tal-kompetizzjoni, irrispettivament mis-suq fejn joperaw il-partijiet.

Il-Qorti Ġenerali ċċarat ukoll ir-relazzjoni bejn id-dritt tal-kompetizzjoni tal-UE u d-drittijiet tal-awtur. Il-Qorti Ġenerali kkonfermat li l-għoti ta' liċenzji (inklużi liċenzji esklużivi) bħala tali ma jmurx kontra l-Artikolu 101 TFUE. Madankollu, limitazzjonijiet territorjali addizzjonali tal-liċenzji li jagħmluha

⁵⁶ Il-Każ AT.40512 - *Bonds denominati f'Euro*.

⁵⁷ Il-Każ AT.40545 - *Starter batteries tal-karozzi*.

⁵⁸ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_21_281

⁵⁹ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_23_1802

⁶⁰ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_23_1532

⁶¹ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/IP_23_1802

⁶² Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_23_2352

⁶³ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_23_4517

⁶⁴ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_23_5061

⁶⁵ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_23_5944

⁶⁶ Is-Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-27.9.2023 fil-Kawża T-172/21, *Valve vs Il-Kummissjoni Ewropea*, ECLI:EU:T:2023:587.

impossibbli li jinkiseb aċċess għas-suġġett protett minn barra t-territorju kopert mil-liċenzja, jista' jkollhom għan antikompetittiv u jinqabdu mill-Artikolu 101 TFUE.

Il-kontroll tal-fużjonijiet ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u għal Suq Uniku b'saħħtu u reżiljenti

Il-kontroll tal-fużjonijiet jirfed il-prijoritajiet ewlenin tal-Kummissjoni fir-rigward tal-innovazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali, filwaqt li jevita l-ħolqien ta' saħħa eċċessiva fis-suq, l-esklużjoni, u l-eliminazzjoni ta' parteċipanti ġodda fis-suq. Fl-2023, il-Kummissjoni kompliet tinforza r-regoli tagħha dwar il-kontroll tal-fużjonijiet biex tippoteġi lill-konsumaturi minn żidiet fil-prezzijiet iżda wkoll minn deterjorament ta' parametri importanti oħra tal-kompetizzjoni bħall-kwalità, l-għażla u l-innovazzjoni.

Fl-2023, l-attivitajiet ta' kontroll tal-fużjonijiet tal-Kummissjoni baqgħu f'livell għoli. Il-Kummissjoni adottat 333 deċiżjoni ta' fużjoni f'diversi setturi (fl-2022 il-Kummissjoni adottat 368 deċiżjoni ta' fużjoni) li minnhom 271 ġew approvati wara proċedura simplifikata. Il-Kummissjoni intervjeniet fi 11-il akkwist propost, li minnhom disa' tranżazzjonijiet ġew approvati taħt kundizzjonijiet u waħda kienet ipprojbata. Tranżazzjoni notifikata waħda ġiet abbandunata mill-partijiet u rtirata fil-Fażi II.

Il-Kummissjoni mblukkat l-akkwist ta' eTraveli minn Booking

F'Settembru 2023, il-Kummissjoni pprojbiet l-akkwist propost ta' eTraveli minn Booking⁶⁷. Il-Kummissjoni sabet li t-tranżazzjoni kienet issaħħaħ il-pożizzjoni dominanti ta' Booking fis-suq għall-aġenziji tal-ivvjaġġar online tal-lukandi, li twassal għal kostijiet oġhla għal-lukandi u possibbilment għall-konsumaturi. Il-Kummissjoni wettqet analiżi estensiva tal-impenji proposti offruti minn Booking u sabet li r-rimedji proposti ma kinux komprensivi u effettivi biżżejjed u ma eliminawx kompletament it-tħassib identifikat dwar il-kompetizzjoni.




Sors: il-Kummissjoni Ewropea.

⁶⁷Il-Każ M.10615 - Booking Holdings/eTraveli Group.

Il-Kummissjoni mmultat lil Illumina u lil GRAIL talli implimentaw il-fużjoni tagħhom mingħajr approvazzjoni minn qabel

F’Lulju 2021, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni fil-fond dwar l-akkwist ta’ GRAIL minn Illumina. F’Settembru 2022, il-Kummissjoni mblukkat it-tranżazzjoni minħabba tħassib li din ikollha effetti antikompetittivi sinifikanti, li joħonqu l-innovazzjoni u jnaqqsu l-għażla fis-suq għal testijiet ta’ detezzjoni bikrija tal-kanċer ibbażati fuq id-demm⁶⁸. Madankollu, f’Awwissu 2021, filwaqt li r-rieżami tal-Kummissjoni kien għadu għaddej, Illumina ħabbret pubblikament li kienet lestiet l-akkwist tagħha ta’ GRAIL. F’Lulju 2023, il-Kummissjoni mmultat lil Illumina u lil GRAIL madwar EUR 432 miljun u EUR 1 000 rispettivament, talli implimentaw il-fużjoni proposta tagħhom qabel l-approvazzjoni mill-Kummissjoni⁶⁹. Il-Kummissjoni kkonkludiet li Illumina u GRAIL konxjament u intenzjonalment kisru l-obbligu ta’ waqfien matul l-investigazzjoni fil-fond tal-Kummissjoni. Dan huwa ksur serju ħafna li jdgħajjef il-funzjonament effettiv tal-kontroll tal-fużjonijiet tal-UE. Il-multa imposta fuq Illumina tikkorrispondi għal-limitu legali ta’ 10 % tad-dħul mill-bejgħ ta’ Illumina. Fid-deċjżjoni tagħha, il-Kummissjoni nnotat li GRAIL, bħala l-kumpanija fil-mira, kienet konxja mill-obbligu ta’ waqfien u kellha rwol attiv fil-ksur. Madankollu, minħabba li kienet l-ewwel darba li imponiet multa għal aġir qabel il-waqt fuq kumpanija fil-mira, il-Kummissjoni ddeċidiet li timponi biss multa simbolika ta’ EUR 1 000 fuq GRAIL.

F’Ottubru 2023, il-Kummissjoni Ewropea adottat deċjżjoni, li tordna miżuri restorattivi li jikkonsistu f’miżuri ta’ żvestiment li jobbligaw lil Illumina tikkanċella l-akkwiżizzjoni ta’ GRAIL. Id-Deċjżjoni inkludiet ukoll miżuri tranżizzjonali li Illumina u GRAIL jeħtieġ li jikkonformaw magħhom sakemm Illumina tkun xoljiet it-tranzazzjoni⁷⁰.



Sors: il-Kummissjoni Ewropea.

⁶⁸ Il-Każ M.10188 - Illumina/GRAIL.

⁶⁹ Il-Każ M.10483 - Illumina/GRAIL (proċedura tal-Artikolu 14). Ara:

https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_23_3773

⁷⁰ Il-Każ M.10939 - Illumina/GRAIL. Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_23_4872

Fl-2023, il-Kummissjoni kompliet tissalvagwardja l-kompetizzjoni għall-infrastruttura tan-network fiss. F'Marzu 2023, il-Kummissjoni approvat l-akkwist ta' VOO u Brutélé minn Orange, soġġett għal kundizzjonijiet⁷¹. Il-Kummissjoni kienet imħassba li t-tranżazzjoni proposta (i) tnaqqas l-għadd ta' operaturi minn tlieta għal tnejn fiż-żoni koperti minn VOO u min-networks fissi ta' Brutélé stess, telimina lil Orange bħala restrizzjoni kompetittiva innovattiva u sinifikanti, (ii) tnaqqas b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni fis-swieq fejn Orange, VOO u Brutélé huma kompetituri mill-qrib, u (iii) iżżid il-probabbiltà ta' koordinazzjoni bejn l-operaturi li jifdal fiż-żoni koperti min-networks fissi ta' VOO u Brutélé stess. Biex tindirizza t-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni, Orange impenjat ruħha li tagħti lill-kompetitur Telenet aċċess għal mill-inqas 10 snin għall-infrastruttura eżistenti tan-network fiss ta' VOO u Brutélé fir-reġjun ta' Walloon u f'partijiet ta' Brussell, kif ukoll għan-network futur ta' Orange mill-fibra sal-bini.

F'Mejju 2023, il-Kummissjoni aċċettat l-impenji offruti minn Microsoft bħala kundizzjoni biex tapprova l-akkwiżizzjoni tagħha ta' Activision Blizzard⁷². Il-Kummissjoni kienet imħassba li l-akkwiżizzjoni proposta tippermetti lill-Microsoft tagħmel ħsara lill-kompetizzjoni (i) għad-distribuzzjoni ta' loġħob tal-kompjuter tal-consoles u tal-PC, inklużi servizzi ta' abbonament b'ħafna loġħob u servizzi ta' streaming ta' loġħob tal-cloud; u (ii) għall-provvista ta' sistemi operattivi tal-PC. Microsoft impenjat ruħha li tipprovdi (i) liċenzja bla ħlas lill-konsumaturi fiż-ŻEE li tippermettilhom li jagħmlu streaming, permezz ta' kwalunkwe servizz ta' streaming ta' loġħob tal-cloud tal-għażla tagħhom, il-loġħob kollu attwali u futur tal-PC u tal-consoles ta' Activision Blizzard li għalihom għandhom liċenzja, u (ii) liċenzja mingħajr ħlas korrispondenti għall-fornituri ta' servizzi tal-istreaming ta' loġħob tal-cloud biex jippermettu lill-gamers ibbażati fiż-ŻEE jiċċirkolaw kwalunkwe loġħob tal-PC u tal-consoles ta' Activision Blizzard. Dawn l-impenji jindirizzaw bis-sħiħ it-tħassib dwar il-kompetizzjoni identifikat mill-Kummissjoni. L-impenji għandhom durata ta' 10 snin, u l-konformità tagħhom se tiġi mmonitorjata minn fiduċjarju indipendenti li jaħdem taħt is-supervizzjoni tal-Kummissjoni.

⁷¹ Il-Każ M.10663 - *Orange/VOO/Brutélé*.

⁷² Il-Każ M.10646 - *Microsoft/Activision*.



Sors: il-Kummissjoni Ewropea.

F'Lulju 2023, il-Kummissjoni approvat l-akkwiżizzjoni proposta minn Broadcom ta' VMware, soġġett għal kundizzjonijiet⁷³. Il-Kummissjoni kellha tħassib li t-tranżazzjoni tista' tirrestrinġi l-kompetizzjoni fis-suq għall-komponenti tal-hardware li jinteroperaw mas-software ta' virtwalizzazzjoni ta' VMware. Sabiex tindirizza t-tħassib tal-Kummissjoni dwar il-kompetizzjoni, Broadcom offriet diversi impenji ta' aċċess u interoperabbiltà kemm lill-kompetituri eżistenti kif ukoll lil dawk futuri fis-suq. Meta qieset l-impenji offruti minn Broadcom, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-fużjoni ma tibqax tqajjem tħassib dwar il-kompetizzjoni.

F'Lulju 2023, il-Kummissjoni approvat l-akkwiżizzjoni proposta minn Advent tal-GfK, soġġett għal kundizzjonijiet⁷⁴. Il-Kummissjoni kellha tħassib li t-tranżazzjoni, kif notifikata inizjalment, kienet tqajjem tħassib serju dwar il-kompetizzjoni (i) fis-suq għal servizzi ta' kejl bl-imnut għal oġġetti tal-konsum li jiċċaqalqu malajr; u (ii) fis-suq għas-servizzi tal-panel tal-konsumatur. L-impenji offruti minn Advent ineħħu t-trikkib bejn l-attivitajiet ta' NielsenIQ u GfK fis-swieq Ġermaniżi u Taljani għas-servizzi tal-panel tal-konsumatur kif ukoll il-possibiltà għal NielsenIQ li teskludi kompetituri fis-swieq għal servizzi ta' kejl bl-imnut għal oġġetti tal-konsumatur li jiċċaqalqu malajr u servizzi ta' panel tal-konsumatur.

F'Mejju 2023, il-Kummissjoni approvat l-akkwiżizzjoni proposta ta' OMV Slovenija minn MOL, soġġett għal kundizzjonijiet⁷⁵. Iż-żewġ kumpaniji huma attivi fis-settur tal-provvista tal-fjuwil bl-imnut. L-approvazzjoni kienet ikkundizzjonata fuq l-iżvestment minn MOL lil Shell Group ta' 39 stazzjon tal-fjuwil fis-Slovenja. Il-Kummissjoni qieset li l-assi żvestiti kienu jikkostitwixxu attività vijabbli li tippermetti lil Shell Group jikkompeti b'mod effettiv mal-entità fuża fis-suq Sloven.

⁷³ Il-Każ M.10806 - *Broadcom/VMware*.

⁷⁴ Il-Każ M.10860 - *Advent/GfK*.

⁷⁵ Il-Każ M.10438 - *MOL/OMV Slovenija*.

F'Ġunju 2023, wara investigazzjoni fil-fond u soġġett għall-kundizzjonijiet, il-Kummissjoni approvat l-akkwiżizzjoni ta' Lagardère minn Vivendi⁷⁶. Il-Kummissjoni kellha tħassib li t-tranżazzjoni, kif notifikata inizjalment, kienet se tagħmel ħsara lill-kompetizzjoni fis-setturi tal-pubblikazzjoni tal-kotba u tar-rivisti għall-istampa, rispettivament. Biex tindirizza t-tħassib tal-Kummissjoni, Vivendi offriet li tbigħ in-negozju tal-pubblikazzjoni tagħha kif ukoll ir-rivista tal-istampa taċ-ċelebritajiet tagħha Gala. Il-Kummissjoni kkonkludiet li l-assi mibjugħa jikkostitwixxu negozju vijabbli li jippermetti lil xerrej potenzjali jikkompeti b'mod effettiv mal-entità fuża.

F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni approvat il-fużjoni proposta bejn Chr Hansen A/S u Novozymes A/S, soġġetta għal kundizzjonijiet⁷⁷. Il-Kummissjoni kellha tħassib li t-tranżazzjoni kienet tqajjem tħassib serju dwar il-kompetizzjoni fir-rigward tal-manifattura tal-lattażi bl-użu ta' teknoloġija ta' modifikazzjoni ġenetika minħabba li Novozymes kellha pożizzjoni b'saħħitha fis-suq u Chr Hansen kienet parteċipant potenzjali. L-impenji joħlqu negozju bl-assi tal-produzzjoni meħtieġa u l-kapaċitajiet ta' riċerka u żvilupp biex isir produttur kompetittiv vijabbli tal-lattażi.

Il-kontroll tal-ghajjnuna mill-Istat ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni diġitali u għar-reżiljenza tas-Suq Uniku

L-investimenti fl-infrastruttura, it-teknoloġiji u s-servizzi diġitali huma muturi ewlenin tat-tkabbir ekonomiku, mhux biss fis-settur diġitali iżda fl-ekonomija kollha kemm hi. Tali investimenti huma meħtieġa biex jintlaħqu l-oġġettivi ta' politika stabbiliti fil-Programm ta' Politika dwar id-Deċennju Diġitali⁷⁸. L-appoġġ mill-Istat għal investimenti riskjużi fl-isfera diġitali jista' jkun meħtieġ biex jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq (jiġifieri meta d-dipendenza fuq inizjattivi privati tirriżulta biss f'livelli ta' investiment li huma baxxi wisq mill-perspettiva tas-soċjetà).

F'April 2023, il-Kummissjoni approvat miżura ta' għajjnuna Franċiża ta' EUR 2,9 biljun biex tappoġġa lil STMicroelectronics u GlobalFoundries fil-kostruzzjoni ta' faċilità ġdida għall-manifattura tal-mikroċipep fi Franza⁷⁹. Il-miżura se ssaħħaħ is-sigurtà tal-provvista, ir-reżiljenza u s-sovranità diġitali tal-Ewropa fit-teknoloġiji tas-semikondutturi, f'konformità mal-oġġettivi stabbiliti fil-Komunikazzjoni dwar l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep⁸⁰.

F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni approvat skema Spanjola ta' EUR 680 miljun, li ġiet iffinanzjata bis-saħħa tal-RRF, biex tintroduċi tagħmir u infrastruttura għal networks awtonomi tal-5G bi prestazzjoni għolja f'żoni rurali mhux moqdiya biżżejjed⁸¹.

⁷⁶ Il-Każ M.10433 - *Vivendi/Lagardère*.

⁷⁷ Il-Każ M.11043 - *Novozymes/Christian Hansen*.

⁷⁸ Id-Deċiżjoni (UE) 2022/2481 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 li tistabbilixxi l-Programm ta' Politika tal-2030 dwar id-Deċennju Diġitali.

⁷⁹ Il-Każ SA.102430 - Franza – *Project Liberty – Impjant ġdid tal-manifattura tas-semikondutturi minn STMicroelectronics u GlobalFoundries*.

⁸⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Att dwar iċ-Ċipep għall-Ewropa, COM(2022)45 final.

⁸¹ Il-Każ SA.104933 - Spanja – *Appoġġ għat-tagħmir u l-infrastruttura tal-5G*.

F'Novembru 2023, il-Kummissjoni approvat EUR 172 miljun f'għajnuna (inkluż appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali) għall-introduzzjoni fil-Portugall ta' networks fissi li jipprovdu mill-inqas veloċità ta' download ta' 1 Gbps u veloċità ta' upload ta' 150 Mbps f'kundizzjonijiet normali ta' ħin bl-iktar użu intensiv f'żoni fejn in-networks ma jipprovdux mill-inqas 100 Mbps ta' veloċità ta' download f'kundizzjonijiet normali ta' ħin bl-iktar użu intensiv⁸².

IPCEI fil-mikroelektronika u fit-teknoloġiji tal-komunikazzjoni

F'Ġunju 2023, il-Kummissjoni approvat Proġett Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI) li jappoġġa r-riċerka, l-innovazzjoni u l-ewwel użu industrijali tal-mikroelektronika u tat-teknoloġiji tal-komunikazzjoni tul il-katina tal-valur (IPCEI ME/CT, Important Project of Common European Interest of microelectronics and communication technologies)⁸³. Erbatax-il Stat Membru⁸⁴ se jipprovdu sa EUR 8,1 biljun f'finanzjament pubbliku, li huwa mistenni li jillibera EUR 13,7 biljun addizzjonali f'investimenti privati. Bħala parti mill-IPCEI, 56 kumpanija inklużi SMEs u negozji ġodda se jwettqu 68 proġett. Dawn il-proġetti huma parti mill-ekosistema usa' tal-IPCEI ME/CT li tinvolvi aktar minn 30 parteċipant assoċjat, inklużi universitajiet, organizzazzjonijiet tar-riċerka u kumpaniji li jinsabu f'ħames Stati Membri addizzjonali tal-UE⁸⁵ u n-Norveġja. L-IPCEI ME/CT jippermetti t-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika billi (i) joħloq soluzzjonijiet mikroelektronici innovattivi u soluzzjonijiet ta' komunikazzjoni, u (ii) jiżviluppa sistemi elettroniċi u metodi ta' manifattura effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li jiffrankaw ir-riżorsi. Il-proġetti se jikkontribwixxu għall-avanz teknoloġiku ta' ħafna setturi, inklużi l-komunikazzjonijiet (5G u 6G), is-sewqan awtonomu, l-intelliġenza artifiċjali, u l-computing kwantistiku. Dawn se jappoġġaw ukoll lill-kumpaniji attivi fil-ġenerazzjoni u d-distribuzzjoni tal-enerġija u se jintużaw fit-tranżizzjoni ekoloġika tagħhom. L-ewwel prodotti huma skedati li jiġu introdotti fis-suq fl-2025 bit-tlestija tal-proġett globali fl-2032. L-IPCEI ME/CT huwa mistenni li joħloq madwar 8 700 impjeg dirett u ħafna oħrajn aktar indiretti.

IPCEI fit-teknoloġiji cloud u edge

F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni approvat IPCEI biex tappoġġa r-riċerka, l-iżvilupp u l-ewwel użu industrijali ta' teknoloġiji avvanzati tal-cloud u tal-edge computing f'diversi fornituri fl-Ewropa (IPCEI CIS)⁸⁶. Seba' Stati Membri⁸⁷ se jipprovdu sa EUR 1,2 biljun f'finanzjament pubbliku, li huwa mistenni li jillibera EUR 1,4 biljun addizzjonali f'investimenti privati. Bħala parti minn dan l-IPCEI, 19-il kumpanija, inklużi SMEs, se jwettqu 19-il proġett innovattiv ħafna. IPCEI CIS hija l-ewwel IPCEI fid-dominju tal-cloud u l-edge computing. Dan jikkonċerna l-iżvilupp tal-ewwel ekosistema Ewropea tal-ipproċessar tad-data interoperabbli u aċċessibbli b'mod miftuħ, il-cloud b'diversi fornituri għall-edge continuum.

⁸² Il-Każ SA.105187 – Il-Portugall – *L-iskjerament ta' networks ta' aċċess fiss*.

⁸³ Il-Każijiet SA.101202 (l-Awstrija), SA.101141 (iċ-Ċekja), SA.101143 (il-Finlandja), SA.101193 (Franza), SA.101129 (il-Ġermanja), SA.101210 (il-Greċja), SA.101151 (l-Irlanda), SA.101186 (l-Italja), SA.101201 (Malta), SA.101171 (in-Netherlands), SA.101175 (il-Polonja), SA.101192 (ir-Rumanija), SA.101200 (is-Slovakkja) u SA.101150 (Spanja).

⁸⁴ L-Awstrija, iċ-Ċekja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Irlanda, l-Italja, Malta, in-Netherlands, il-Polonja, ir-Rumanija, is-Slovakkja u Spanja.

⁸⁵ Il-Belġju, l-Ungerija, il-Latvja, il-Portugall u s-Slovenja.

⁸⁶ Il-Każijiet SA.102498 (Franza), SA.102517 (il-Ġermanja), SA.102520 (l-Ungerija), SA.102519 (l-Italja), SA.102516 (in-Netherlands), SA.102527 (il-Polonja) u SA.102514 (Spanja).

⁸⁷ Franza, il-Ġermanja, l-Ungerija, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja u Spanja.

4.2 L-infurzar tal-politika tal-kompetizzjoni kkontribwixxa għat-tranżizzjoni ekoloġika

Il-politika tal-kompetizzjoni tikkontribwixxi għall-oġġettivi ambjentali u l-miri klimatiċi tal-UE, pereżempju d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, il-bidla tas-settur tat-trasport minn fjuwils fossili għal fjuwils alternattivi u l-iżvilupp ta' teknoloġiji nodfa. L-infurzar tal-liġi tal-kompetizzjoni jikkontribwixxi għall-Patt Ekoloġiku Ewropew⁸⁸ billi jżomm is-swieq effiċjenti, ġusti u innovattivi. Jissalvagwardja wkoll il-fluss liberu tar-riżorsi meħtieġa għall-ekonomija ċirkolari u l-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku.

L-infurzar tal-antitrust ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni ekoloġika

Fl-2023, il-Kummissjoni kompliet tiegħu azzjoni kontra l-imġiba antikompetittiva tas-suq li tista' xxekkel it-tranżizzjoni ekoloġika.

F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni mmultat lil Lantmännen ek för u s-sussidjarja tagħha Lantmännen Biorefineries AB (li qabel kienet tissejjaħ Lantmännen Agroetanol AB) total ta' EUR 47,7 miljun għal kollużjoni biex tinfluwenza l-mekkaniżmu tal-formazzjoni tal-prezzijiet għall-etanol fl-Ewropa⁸⁹. Meta jitħallat mal-petrol, l-etanol jista' jintuża bħala bijokarburant għall-magni. Il-Kummissjoni kienet solviet il-każ mat-tieni membru tal-kartell fl-2021 u għalqet l-investigazzjoni tagħha kontra l-membri ssuspettat tal-kartell li kien fadal fl-2023.

Il-Kummissjoni kompliet ukoll l-investigazzjonijiet tagħha dwar l-industrija tat-turf sintetiku⁹⁰ u dwar il-possibiltà ta' kollużjoni dwar ir-riċiklaġġ ta' vetturi tal-passiġġieri li ma għadhomx jintużaw⁹¹ biex tiddetermina jekk il-kumpaniji attivi f'dawn is-setturi kiserux ir-regoli tal-antitrust tal-UE.

Il-kontroll tal-fużjonijiet ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni ekoloġika

Fl-2023, il-Kummissjoni baqgħet vigilantanti fl-infurzar tar-regoli dwar il-kontroll tal-fużjonijiet fis-swieq ewlenin għall-ekonomija ċirkolari u l-kisba tal-għanijiet ta' sostenibbiltà. Il-Kummissjoni għamlet hilita biex tippreserva l-kompetizzjoni kontra ż-żieda fis-saħħa eċċessiva fis-suq, ir-riskji ta' esklużjoni u l-ostakli għad-dħul fis-suq. B'dan il-mod, il-Kummissjoni qieset b'mod konsistenti l-aspetti tas-sostenibbiltà tal-fużjonijiet f'setturi bħas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli, l-infrastruttura tar-riċiklaġġ, l-infrastruttura tal-gass u tal-elettriku, u s-servizzi tal-mobbiltà elettronika.

Fi Frar 2023, il-Kummissjoni approvat l-akkwiżizzjoni ta' MBCC minn Sika soġġett għal kundizzjonijiet⁹². L-investigazzjoni ffukat fuq l-impatt tat-tranżazzjoni fuq l-isforzi tal-industrija biex tnaqqas l-emissjonijiet tal-karbonju mill-produzzjoni tal-konkrit. B'mod partikolari, it-taħlitiet kimiċi innovattivi prodotti mill-partijiet jistgħu jgħinu biex jimminimizzaw il-kontenut ta' materjali

⁸⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final.

⁸⁹ Il-Każ AT.40054 - *Parametri referenzjarji tal-etanol*.

⁹⁰ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_23_3133

⁹¹ Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_22_1765

⁹² Il-Każ M.10560 - *Sika/MBCC*.

intensivi fil-karbonju – bħas-siment – f'taħlitiet tal-konkrit. It-tranżazzjoni, kif notifikata inizzjalment, kienet tnaqqas sostanzjalment il-kompetizzjoni fis-swieq tat-taħlitiet kimiċi u tat-taħlitiet tal-konkrit. Biex tindirizza t-tħassib tal-Kummissjoni, Sika offriet li tbigħ in-negozji ta' taħlitiet kimiċi ta' MBCC fiż-ŻEE, l-Awstralja, il-Kanada, New Zealand, l-Iżvizzera, ir-Renju Unit, u l-Istati Uniti. L-iżvestment neħħa s-sovrappożizzjonijiet orizzontali bejn il-partijiet fis-swieq tat-taħlitiet kimiċi fiż-ŻEE. Il-Kummissjoni qieset li x-xerrej ta' dan in-negozju awtonomu jkun jista' jaġixxi bħala forza kompetittiva vijabbli fuq bażi dejjiema.

F'Ottubru 2023, il-Kummissjoni approvat l-akkwiżizzjoni proposta tan-negozju tat-trasport fuq l-art (GTS) ta' Thales minn Hitachi Rail. L-approvazzjoni hija kundizzjonali fuq konformità sħiħa mal-impenji offruti minn Hitachi Rail, bħall-bejgħ tal-pjattaformi ta' sinjalar tal-linja ewlenija ta' Hitachi Rail fi Franza u fil-Ġermanja għal proġetti ta' interlockings, kopertura u sinjalar mill-ġdid⁹³.

Il-kontroll tal-ghajjnuna mill-Istat ikkontribwixxa għat-tranżizzjoni ekoloġika

Fl-2023, il-Kummissjoni approvat għadd ta' miżuri ta' għajjnuna mill-Istat maħsuba biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika tal-UE, li jappoġġaw pereżempju l-enerġija rinnovabbli, id-dekarbonizzazzjoni industrijali u l-mobbiltà nadifa.

F'Jannar u Diċembru 2023, il-Kummissjoni approvat taħt is-CEEAG (Climate, Environmental protection and Energy Aid Guidelines)⁹⁴ żewġ skemi Daniżi biex tappoġġa l-introduzzjoni ta' teknoloġiji tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju⁹⁵, ⁹⁶b'baġit ikkombinat ta' EUR 1,45 biljun. Il-miżuri jikkontribwixxu għall-kisba tal-miri klimatiki tad-Danimarka u tal-Patt Ekoloġiku, b'mod partikolari l-għan tan-newtralità klimatika sal-2050.

Fi Frar 2023, il-Kummissjoni approvat taħt is-CEEAG miżura Franċiża ta' EUR 2,08 biljun biex tappoġġa l-ġenerazzjoni tal-enerġija eolika lil hinn mill-kosta⁹⁷. Fl-istess xahar, il-Kummissjoni approvat ukoll skema Ġermaniża ta' EUR 1,1 biljun biex tappoġġa lill-operaturi tat-trasport ferrovjarju li jużaw trazzjoni elettrika fil-kuntest ta' żidiet qawwija fil-prezzijiet tal-elettriku⁹⁸. Il-miżura se tikkontribwixxi biex jiġi żgurat li s-settur ferrovjarju jibqa' kompetittiv filwaqt li tiġi ppreservata l-prestazzjoni ambjentali tal-ferroviji elettriki, f'konformità mal-oġġettivi tal-Istrateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti tal-Kummissjoni⁹⁹ u tal-Patt Ekoloġiku Ewropew¹⁰⁰.

⁹³ Il-Każ M.10507 - *Hitachi Rail/Ground Transportation systems business of Thales*.

⁹⁴ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni: Linji Gwida dwar l-għajjnuna mill-Istat għall-klima, għall-ħarsien tal-ambjent u għall-enerġija, ĠU C 80, 18.2.2022, p. 1.

⁹⁵ Il-Każ SA.102777 - *Id-Danimarka – Skema ta' għajjnuna mill-Istat għall-Qbid u l-ħżin tal-Karbonju*.

⁹⁶ Il-Każ SA.108284 - *Id-Danimarka – RRF – Skema ta' għajjnuna mill-Istat għall-Qbid u l-ħżin tal-Karbonju*.

⁹⁷ Il-Każ SA.100269 - *Franza – Parc éolien flottant en mer dans une zone au large du sud de la Bretagne*.

⁹⁸ Il-Każ SA.105120 - *Il-Ġermanja – Il-brejk tal-elettriku għall-ferroviji – Trażżin temporanju tal-kostijiet taż-żidiet fil-prezzijiet tal-elettriku – l-operaturi tat-trasport ferrovjarju*.

⁹⁹ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni Strateġija għal Mobbiltà Sostenibbli u Intelliġenti – inqiegħdu t-trasport Ewropew fit-triq it-tajba għall-futur, COM/2020/789 final.

¹⁰⁰ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM/2019/640 final.

F'Mejju 2023, il-Kummissjoni approvat żewġ skemi Netherlandiżi b'baġit totali ta' madwar EUR 1,47 biljun immirati biex inaqqsu d-depożiti tan-nitroġenu f'żoni ta' konservazzjoni tan-natura¹⁰¹.

F'Awwissu 2023, il-Kummissjoni approvat, taħt is-CEEAG, skema ta' għajnuna mill-Istat ta' EUR 350 miljun għall-varar ta' infrastruttura tal-iċċarġjar mill-ġdid b'potenza għolja għall-vetturi elettriċi tul l-awtostradi Ġermaniżi¹⁰².

F'Diċembru 2023, il-Kummissjoni approvat, taħt is-CEEAG, skema Taljana ta' EUR 17,7 biljun¹⁰³ li tappoġġa l-kostruzzjoni u t-tħaddim ta' sistema ċentralizzata ta' ħżin tal-elettriku. Il-miżura se tiġi implimentata fuq perjodu ta' 10 snin u se tiffaċilita l-integrazzjoni tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli fis-sistema tal-elettriku Taljana, u b'hekk tikkontribwixxi għall-kisba tal-oġġettivi tal-Patt Ekoloġiku.

FI-2023, il-Kummissjoni approvat, kemm taħt is-CEEAG kif ukoll taħt it-TCTF, għadd ta' miżuri ta' għajnuna mill-Istat b'ammont globali ta' għajnuna ta' madwar EUR 9 biljun f'diversi Stati Membri (Spanja, il-Polonja, il-Belġju, Franza, il-Ġermanja u ċ-Ċekja) għad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi tal-produzzjoni ta' emittenti ta' gassijiet serra industrijali kbar, primarjament fis-settur tal-azzar iżda wkoll f'setturi oħra intensivi fl-enerġija.¹⁰⁴

FI-2023, il-Kummissjoni approvat tmien skemi nazzjonali taħt it-Taqsima 2.8 TCTF, b'ammont globali ta' għajnuna ta' madwar EUR 9 biljun. Dawn l-iskemi nazzjonali għandhom l-għan li jaċċelleraw, f'konformità mal-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku, l-investimenti f'setturi strateġiċi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti (inklużi batteriji, pannelli solari, turbini eoliċi, pompi tas-sħana, elettrolizzaturi u tagħmir tal-qbid u l-ħżin tal-karbonju) fi Spanja (EUR 2,5 biljun)¹⁰⁵, l-Ungerija (EUR 2,4 biljun)¹⁰⁶, il-Ġermanja (EUR 3 biljun)¹⁰⁷, is-Slovakkja (EUR 1 biljun)¹⁰⁸, l-Italja (EUR 100 miljun)¹⁰⁹, l-Awstrija (EUR 60 miljun)¹¹⁰ u l-Belġju (EUR 50 miljun)¹¹¹.

¹⁰¹ Il-Każ SA.106555 - In-Netherlands – Skema nazzjonali għall-għeluq tal-unitajiet tat-trobbija tal-bhejjem bl-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet tan-nitroġenu, u l-Każ SA.106559 – In-Netherlands – Skema nazzjonali ta' waqfien fuq is-siti tal-bhejjem bl-ogħla tagħbija (LBV Plus).

¹⁰² Il-Każ SA.105414, il-Ġermanja - Skema ta' għajnuna għall-infrastruttura ta' ċċarġjar b'potenza għolja għall-vetturi elettriċi tul l-awtostradi fil-Ġermanja.

¹⁰³ Il-Każ SA.104106 - L-Italja - Appoġġ għall-iżvilupp ta' sistema ċentralizzata ta' ħżin tal-elettriku fl-Italja.

¹⁰⁴ Il-Każ SA.104904 - Spanja - ArcelorMittal Spain (Gijon), il-Każ SA.105006 - il-Polonja - RRF- Għajnuna lil LOTOS Green H2 Sp. z o.o., il-Każ SA.104897 - il-Belġju - il-Proġett ArcelorMittal (Ghent), il-Każ SA.104903 - Franza - ArcelorMittal France, il-Każ SA.105244 - il-Ġermanja - Għajnuna lil ThyssenKrupp għall-proġett tkH2Steel, il-Każ SA.104686 - ċ-Ċekja - TCTF: Fond għall-Modernizzazzjoni – Programm ENERGETS.

¹⁰⁵ Il-Każ SA.107094, Spanja - RRF – TCTF – linja ta' azzjoni integrata fuq il-katina tal-valur industrijali – Batteriji; Il-Każ SA.108653, Spanja. RRF – TCTF – Skema għal proġetti ta' tagħmir meħtieġa għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti.

¹⁰⁶ Il-Każ SA.107689, l-Ungerija -TCTF - Skema għal investimenti aċċellerati f'setturi strateġiċi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti.

¹⁰⁷ Il-Każ SA.108068, il-Ġermanja -TCTF - Għajnuna biex tiġi appoġġata t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti.

¹⁰⁸ Il-Każ SA.109989, is-Slovakkja -TCTF - Skema ta' għajnuna mill-Istat għall-forniment ta' Għajnuna Straordinarja għall-Investment f'setturi strateġiċi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti.

¹⁰⁹ Il-Każ SA.108953, l-Italja – TCTF – RRF – Skema ta' għajnuna għall-investment għall-produzzjoni tal-elettrolizzaturi.

¹¹⁰ Il-Każ SA.109170, l-Awstrija - TCTF – Skema għal investimenti aċċellerati f'setturi strateġiċi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti.

4.3. Il-politika tal-kompetizzjoni kkontribwiet għal ekonomija għas-servizz tan-nies

Il-kontribut tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE għall-innovazzjoni u l-ġustizzja fil-pagamenti

Fl-2023, il-Kummissjoni kompliet bil-monitoraġġ tagħha tal-applikazzjoni tar-Regolament dwar it-Tariffi tal-Interkambju (IFR, Interchange Fee Regulation)¹¹². Studju dwar żviluppi ġodda fis-swieq tal-pagamenti permezz ta' kard primarjament relatati mal-applikazzjoni tal-IFR ġie ffinalizzat f'Diċembru 2023. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ppubblikat sejħa miftuħa għall-offerti għal studju dwar il-kompetizzjoni fis-servizzi ta' pagament online f'Ġunju 2023.

Id-DĠ Kompetizzjoni kkontribwixxa wkoll għall-ħidma tal-Kummissjoni dwar inizzjattivi regolatorji li jiffurmaw parti minn "Ekonomija għas-servizz tan-nies" li tallinjahom mal-prinċipji tal-politika tal-kompetizzjoni. Dan il-fluss ta' ħidma kien jinkludi proposti tal-Kummissjoni dwar l-Euro Diġitali, l-Aċċess għad-Data Finanzjarja (Finanzi Miftuħa) u l-pagamenti (Servizzi Bankarji Miftuħa: rieżami tat-tieni Direttiva dwar is-Servizzi ta' Ħlas).

L-infurzar tal-antitrust fis-setturi tas-servizzi finanzjarji u tal-assigurazzjoni

Fl-2023, il-Kummissjoni kompliet l-investigazzjoni tagħha dwar l-imġiba ta' Apple relatata mas-servizzi ta' pagament mobbli. Fid-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet tagħha maħruġa fl-2022¹¹³, il-Kummissjoni sabet b'mod provviżorju li Apple rrestrinġiet il-kompetizzjoni billi abbużat mill-pożizzjoni dominanti tagħha fis-suq tal-kartieri mobbli fuq apparati iOS, billi llimitat l-aċċess għall-funzjonalità tal-Komunikazzjoni b'Kamp fil-Qrib (NFC, Near Field Communication) fuq l-iPhones għal pagamenti fil-ħwienet u b'hekk irriżervat l-aċċess għal Apple Pay.

F'Novembru 2023, il-Kummissjoni mmultat lill-membri ta' kartell dwar il-kummerċ ta' ċerti bonds denominati f'euro¹¹⁴.

Fis-servizzi tal-assigurazzjoni tas-saħħa tal-ivvjaġġar, il-Kummissjoni investigat allegat ksur tal-liġi tal-kompetizzjoni miċ-Ċekja. Il-leġiżlazzjoni adottata miċ-Ċekja li tagħti lil kumpanija pubblika d-dritt esklużiv li topera fis-suq Ċek għas-servizzi tal-assigurazzjoni tas-saħħa tal-ivvjaġġar għall-barranin tista' tikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 102 TFUE flimkien mal-Artikolu 106 TFUE. Id-dritt esklużiv mogħti mill-Istat eskluda l-fornituri tal-assigurazzjoni kompetituri. L-investigazzjoni tad-DĠ Kompetizzjoni kienet ikkoordinata mill-qrib mal-investigazzjoni parallela tad-DĠ Stabbiltà Finanzjarja, Servizzi Finanzjarji u Unjoni tas-Swieq Kapitali (DĠ FISMA). F'Lulju 2023, il-Kummissjoni indirizzat Ittra ta' Avviż Formali liċ-Ċekja, u kkonkludiet li l-liġi Ċeka kisret l-

¹¹¹ Il-Każ SA.109169, il-Belġju - RRF-TCTF: Id-dekarbonizzazzjoni tal-kumpaniji ta' Wallonia - It-tisħiħ tal-investimenti fil-ktajjen tal-valur marbuta mat-tranżizzjoni tal-enerġija.

¹¹² Ir-Regolament (UE) 2015/751 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29.4.2015 dwar it-tariffi tal-interkambju għat-tranżazzjonijiet ta' pagament permezz ta' kard, ĠU L 123, 19.5.2015, p. 1.

¹¹³ Il-Każ AT.40452 - *Pagamenti Mobbli*, ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/ip_22_2764

¹¹⁴ Il-Każ AT.40512 - *Bonds denominati f'euro (EDB)*.

Artikolu 56 TFUE u d-Direttiva Solvenza II¹¹⁵. Wara l-intervent tal-Kummissjoni, iċ-Ċekja emendat il-leġiżlazzjoni billi aboliet id-dritt esklużiv tal-impriża pubblika.

Fl-assigurazzjoni tal-vetturi bil-mutur, wara l-adozzjoni fl-2022 ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-aċċess għal sistema ta' kondiviżjoni tad-*data* amministrata minn Insurance Ireland, il-Kummissjoni kompliet timmonitorja l-konformità ta' Insurance Ireland mal-impenji vinkolanti li ħadet il-kumpanija¹¹⁶. Bħala riżultat tal-impenji, kumpaniji ġodda ngħataw aċċess għal Insurance Ireland u għas-sistema ta' kondiviżjoni tad-*data*. L-impenji jkomplu japplikaw sal-2032.

Infurzar tal-fużjonijiet fis-settur tas-servizzi finanzjarji

Fl-2023, il-Kummissjoni rrieżaminat il-fużjonijiet f'varjetà ta' swieq tas-servizzi finanzjarji, inklużi l-banek, l-assigurazzjoni, is-servizzi ta' pagament, u servizzi finanzjarji speċjalizzati oħra.

Fil-25 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni Ewropea approvat mingħajr kundizzjonijiet il-fużjoni bejn Credit Suisse u UBS¹¹⁷. Il-Kummissjoni sabet li l-fużjoni ma tnaqqasx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni fis-swieq fejn l-attivitajiet tal-partijiet jikkoinċidu fl-UE. Minħabba d-diffikultajiet finanzjarji ffaċċjati minn Credit Suisse, il-Kummissjoni ddeċidiet li tagħti lid-ditti li qed jingħaqdu deroga mill-obbligu ta' waqfien, u ppermettiet lil UBS timplimenta ċerti miżuri, inkluż l-għeluq tat-tranżazzjoni.

Fl-2023, il-Kummissjoni kompliet timmonitorja l-fużjonijiet fl-industrija tas-servizzi finanzjarji biex tidentifika tranżazzjonijiet li jistgħu jiġġustifikaw riferiment lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (ir-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet)¹¹⁸. F'Awwissu 2023, il-Kummissjoni aċċettat talbiet minn tliet Stati Membri u pajjiż wieħed tal-EFTA biex jivvalutaw l-akkwiżizzjoni proposta tan-negozju Ewropew ta' Nasdaq għan-negozjar u l-ikklerjar tal-enerġija mill-European Energy Exchange AG. Il-Kummissjoni qieset li l-fużjoni proposta ssodisfat il-kriterji għal riferiment skont l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-UE dwar l-Għaqdiet. B'mod partikolari, it-tranżazzjoni kkombinat l-uniċi żewġ fornituri ta' servizzi li jiffaċilitaw in-negozjar fil-borża u l-ikklerjar sussegwenti tal-kuntratti tal-enerġija Nordiċi. L-investigazzjoni tal-Kummissjoni għadha għaddejja¹¹⁹.

L-infurzar tal-għajjnuna mill-Istat fis-settur tas-servizzi finanzjarji

F'Novembru 2023, il-Kummissjoni approvat emenda għall-miżuri ta' appoġġ approvati fl-2022 b'appoġġ għar-riżoluzzjoni ta' Getin Noble Bank, wieħed mill-akbar għaxar banek Pollakki. Il-

¹¹⁵ Id-Direttiva 2009/138/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 dwar il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju tal-assigurazzjoni u tar-riassigurazzjoni (Solvenza II) (riformulazzjoni) ĠU L 335, 17.12.2009, p. 1.

¹¹⁶ Il-Każ AT.40511 - *Insurance Ireland - Bażi tad-data tal-pretensjonijiet tal-assigurazzjoni u l-kundizzjonijiet tal-aċċess*.

¹¹⁷ Il-Każ M.11111 - *UBS/Credit Suisse*.

¹¹⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi (ir-Regolament tal-KE dwar l-Għaqdiet), ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

¹¹⁹ Il-Każ M.11241 - *EEX/NASDAQ POWER*

miżura ta' appoġġ emendata ffaċilitat il-bejgħ ta' bank tranżitorju stabbilit fil-proċess ta' riżoluzzjoni. Il-miżuri kellhom ukoll l-għan li jimmassimizzaw il-valur tal-irkupru għall-Fond ta' Riżoluzzjoni Pollakk billi joħorġu mill-bank portafoll ta' assi danneġġati¹²⁰.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni estendiet ċerti skemi eżistenti li permezz tagħhom l-Istati Membri jistgħu jissussidjaw ir-ristrutturar jew il-ħruġ ordnat mis-suq ta' banek f'diffikultà. Għall-Polonja, il-Kummissjoni awtorizzat l-estensjoni kemm tal-iskema għal-likwidazzjoni tal-unjonijiet tal-kreditu (fis-seħħ minn Frar 2014)¹²¹ kif ukoll tal-iskema għar-riżoluzzjoni ta' banek kooperattivi u kummerċjali żgħar (fis-seħħ minn Diċembru 2016).¹²² Għall-Irlanda, il-Kummissjoni awtorizzat żewġ estensjonijiet tal-iskema ta' ristrutturar għall-unjonijiet tal-kreditu (fis-seħħ minn Ottubru 2014)¹²³ u l-estensjoni tal-iskema ta' likwidazzjoni ordnat għall-unjonijiet tal-kreditu (fis-seħħ minn Diċembru 2011)¹²⁴. Għad-Danimarka, il-Kummissjoni approvat it-tieni introduzzjoni mill-ġdid tal-iskema ta' likwidazzjoni għall-banek iż-żgħar.¹²⁵

F'Novembru 2023, il-Kummissjoni approvat l-introduzzjoni mill-ġdid ta' Hercules, skema ta' protezzjoni tal-assi fil-Greċja¹²⁶. L-iskema introdotta mill-ġdid se tkun fis-seħħ sa tmiem l-2024 u se tgħin lill-banek fit-titolizzazzjoni u t-trasferiment ta' self li ma jrendix mill-karti tal-bilanċ tagħhom.

Fil-21 ta' Settembru 2023, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni ġdida dwar il-miżuri passati tal-FITD (Skema ta' Garanzija tad-Depożiti) biex tappoġġa lil Banca Tercas¹²⁷. Din id-deċiżjoni l-ġdida segwiet l-annullament mill-Qorti tal-Ġustizzja¹²⁸ tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-2015¹²⁹. Fid-deċiżjoni l-ġdida tagħha, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-appoġġ mogħti mill-FITD lil Banca Tercas ma kienx imputabbli għall-Italja u għalhekk ma kienx jikkostitwixxi għajjnuna illegali mill-Istat.

Għajjnuna mill-Istat fl-assigurazzjoni

Fi Frar 2023, il-Kummissjoni approvat Fond tal-Istat Franċiż ta' EUR 1,5 biljun, stabbilit biex jiproteġi lill-vjaġġaturi jekk l-organizzaturi tal-ivvjaġġar isiru insolventi¹³⁰. Il-Fond se jiżgura li l-konsumaturi jkunu protetti b'mod adegwat minkejja kopertura tal-assigurazzjoni insuffiċjenti li xi drabi tiġi offruta minn fornituri tal-assigurazzjoni privati, wara l-impatt serju tal-pandemija tal-COVID-19 fuq is-settur tat-turiżmu.

¹²⁰ Il-Każ SA.109418, *il-Polonja - Emenda għall-għajjnuna għal-likwidazzjoni lil Getin Noble S.A. f'riżoluzzjoni (SA.100687)*.

¹²¹ Il-Każ SA.108852 - *Il-Polonja - It-tleqq-il estensjoni tal-Iskema ta' Likwidazzjoni Ordната tal-Unjonijiet ta' Kreditu*.

¹²² Il-Każ SA.108989 - *Il-Polonja - It-Tmien estensjoni tal-iskema ta' riżoluzzjoni għall-banek kooperattivi u l-banek kummerċjali żgħar u l-emenda tal-impjenji offruti*.

¹²³ Il-Każ SA.106983 - *l-Irlanda - is-17-il estensjoni tal-Iskema ta' Ristrutturar u Stabbilizzazzjoni għas-Settur tal-Unjoni tal-Kreditu*; Il-Każ SA.109639 - *l-Irlanda - it-18-il estensjoni tal-Iskema ta' Ristrutturar u Stabbilizzazzjoni għas-Settur tal-Unjoni tal-Kreditu*.

¹²⁴ Il-Każ SA.107306 - *l-Irlanda - id-19-il estensjoni tal-Iskema ta' Riżoluzzjoni tal-Unjoni ta' Kreditu 2023-2024*.

¹²⁵ Il-Każ SA.106526 - *Id-Danimarka - Estensjoni tat-tieni introduzzjoni mill-ġdid tal-iskema ta' likwidazzjoni għal banek żgħar*.

¹²⁶ Il-Każ SA.109365 - *il-Greċja - L-introduzzjoni mill-ġdid tal-Iskema Hercules*.

¹²⁷ Il-Każ SA.39451 - *l-Italja - Banca Tercas*.

¹²⁸ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2.3.2021 fil-Kawża C-425/19 P, *Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Taljana u Oħrajn*, EU:C:2021:154.

¹²⁹ Il-Każ SA.39451 - *l-Italja - Banca Tercas*.

¹³⁰ SA.104022 - *Franza - Fond ta' garanzija mill-Istat għall-operaturi tal-ivvjaġġar*.

Għajnuna mill-Istat f'garanziji pubbliċi

Fl-2023, il-Kummissjoni adottat żewġ deċiżjonijiet rigward is-Slovakkja¹³¹ u d-Danimarka¹³² skont l-Avviż dwar il-Garanziji¹³³. Fid-deċiżjonijiet, il-Kummissjoni approvat metodoloġiji użati biex jiġu ddeterminati primjums ta' garanzija konformi mas-suq. Dawn il-primjums iservu bħala referenza meta jiġi kkalkulat l-element tal-għajnuna mill-Istat inkluż fil-garanziji pubbliċi.

5. Isiru operazzjonali l-għodod komplementari ġodda tas-Suq Uniku

5.1. L-Att dwar is-Swieq Diġitali

L-Att dwar is-Swieq Diġitali (DMA)¹³⁴ huwa leġiżlazzjoni tas-suq intern li tarmonizza l-obbligi tal-hekk imsejħa gwardjani madwar l-UE. Dan sar applikabli kompletament f'Mejju 2023. Id-DMA għandu l-għan li jagħmel is-settur diġitali aktar kontestabbli u jtemm il-prattiki inġusti minn kumpaniji li jaġixxu bħala "gwardjani" fl-ekonomija tal-pjattaformi online. Gwardjan jista' jaġixxi bħala produttur tar-regoli privat *de facto*, li jaġixxi bħala gateway bejn l-utenti kummerċjali u l-utenti finali, li jippermettilu jinvolvi ruħu f'ingħiba inġusta u jimmina l-kontestabbiltà tas-suq.

Meta pjattaforma diġitali online tissodisfa l-limiti u l-kriterji stabbiliti fid-DMA, din trid tiġi nnotifikata lill-Kummissjoni għad-deżinjazzjoni bħala gwardjan¹³⁵. Il-kumpaniji ddeżinjati formalment bħala gwardjani jridu jikkonformaw ma' sett ta' obbligi stabbiliti fir-Regolament¹³⁶. F'April 2023, il-Kummissjoni adottat regoli ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu kif se jitwettqu ċerti proċedimenti skont id-DMA¹³⁷.

¹³¹ Il-Każ SA.109147- Is-Slovakkja - *Kalkolu tal-elementi ta' għajnuna fl-għoti ta' garanziji lill-SMEs*.

¹³² Il-Każ SA.109413 - Id-Danimarka - *Estensjoni u emenda tal-metodu ta' kalkolu għall-iskema ta' garanzija Daniża (SA.60070)*.

¹³³ L-Avviż tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat tal-KE għall-għajnuna mill-Istat fil-forma ta' garanziji, ĠU C 155, 20.6.2008, p. 10.

¹³⁴ Ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali), ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1.

¹³⁵ Skont id-DMA, il-pjattaforma diġitali online titqies li għandha impatt sinifikanti fuq is-Suq Uniku jekk jiġu ssodisfati l-kriterji kumulattivi li ġejjin: (1.) Il-gwardjan preżunt irid jiġġenera fatturat fl-UE kollha ta' mill-inqas EUR 7,5 biljun; ikollhom kapitalizzazzjoni medja tas-suq li taqbeż il-EUR 75 biljun u jipprovdu l-istess servizzi ewlenin tal-pjattaforma f'mill-inqas tliet Stati Membri. (2.) Il-gwardjan preżunt jopera servizz tal-pjattaforma li jaħdem bħala gateway għall-utenti kummerċjali biex jilħaq lill-utenti finali b'mill-inqas 45 miljun utent finali attiv fix-xahar u minimu ta' 10 000 utent kummerċjali attiv fis-sena. (3.) Il-gwardjan preżunt irid jibbenefika minn pożizzjoni stabbilita u deġġiema fis-suq matul l-aħħar 3 snin finanzjarji.

¹³⁶ Pereżempju, il-kumpaniji ddeżinjati bħala gwardjani skont id-DMA jridu jippermettu lil partijiet terzi jinteroperaw mas-servizzi proprji tal-gwardjan f'ċerti sitwazzjonijiet speċifiċi; jippermettu lill-utenti kummerċjali tagħhom jaċċessaw id-*data* li jiġġeneraw meta joperaw il-pjattaforma; jipprovdu lir-reklamaturi tal-pjattaformi bl-għodod u l-informazzjoni meħtieġa għall-verifika tar-reklami ospitati mill-gwardjan; jippermettu lill-utenti kummerċjali jippromwovu l-offerti tagħhom u jikkonkludu kuntratti ma' klienti barra mill-pjattaforma tal-gwardjan. Il-gwardjani ddeżinjati huma, pereżempju, ipprojbiti milli jittrattaw il-prodotti u s-servizzi tagħhom stess b'mod aktar favorevoli fil-klassifikazzjoni minn prodotti u servizzi jew prodotti simili offruti minn partijiet terzi; ma jistgħux jibqgħu jipprejvju lill-konsumaturi milli jikkollegaw ma' negozji barra mill-pjattaformi tagħha; dawn ma jistgħux jipprejvju lill-utenti milli jneħħu l-installazzjoni ta' kwalunkwe software jew app installati minn qabel jew jittraċċaw lill-utenti finali barra mis-servizz ewleni tal-pjattaforma għall-fini ta' reklamar immirat mingħajr kunsens.

¹³⁷ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/814 tal-14 ta' April 2023 dwar arranġamenti dettaljati għat-tmexxija ta' ċerti proċedimenti mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 102, 17.4.2023, p. 6.

F'Settembru 2023, il-Kummissjoni ddeżinjat sitt kumpaniji bħala gwardjani: Alphabet¹³⁸, Amazon¹³⁹, Apple¹⁴⁰, ByteDance¹⁴¹, Meta¹⁴², u Microsoft¹⁴³. B'kollox, ġew iddeżinjati 22 servizz ewleni tal-pjattaforma pprovduti minn dawn il-gwardjani¹⁴⁴. Għal tliet servizzi ewlenin tal-pjattaforma (Gmail, Outlook.com u l-brawżer tal-internet Samsung), il-Kummissjoni kkonkludiet li - għalkemm jilhq u l-limiti kwantitattivi skont id-DMA biex jikkwalifikaw bħala gwardjani - Alphabet, Microsoft u Samsung iprovdew argumenti sostanzjati biżżejjed li juru li dawn is-servizzi ma jikkwalifikawx bħala gateways għas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma rispettivi tagħhom.

B'mod parallel ma' dawn id-deżinjazzjonijiet, f'Settembru 2023 il-Kummissjoni fetħet erba' investigazzjonijiet tas-suq biex tkompli tivvaluta s-sottomissjonijiet ta' Microsoft u ta' Apple bl-argument li, minkejja li laħqu l-limiti, xi wħud mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tagħhom ma jikkwalifikawx bħala gateways. Għal Microsoft, dawn il-pjattaformi huma Bing, Edge u Microsoft Advertising, u għal Apple hija iMessage. Dawn l-investigazzjonijiet għandhom l-għan li jaċċertaw jekk Microsoft u Apple għandhomx jiġu ddeżinjati bħala gwardjani fir-rigward tas-servizzi inkwistjoni. Dawn l-investigazzjonijiet għandhom l-għan li jaċċertaw jekk is-servizzi inkwistjoni għandhomx jiġu ddeżinjati bħala gwardjani. L-investigazzjonijiet għandhom jitlestew sa Frar 2024. Barra minn hekk, il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni tas-suq biex tivvaluta aktar jekk Apple għandhiex tiġi ddeżinjata bħala gwardjan fir-rigward tas-sistema operatorja tagħha iPadOS, minkejja li ma laħqitx il-limiti. Din l-investigazzjoni għandha titlesta sa Settembru 2024.

Wara d-deżinjazzjoni tagħhom, il-gwardjani għandhom sa Marzu 2024 biex jikkonformaw mal-lista sħiħa ta' x'għandhom jagħmlu jew m'għandhomx jagħmlu skont id-DMA. Madankollu, xi wħud mill-obbligi bdew japplikaw mill-mument tad-deżinjazzjoni, pereżempju l-obbligu li l-Kummissjoni tiġi infurmata dwar l-akkwiżizzjonijiet maħsuba. Sa Marzu 2024, il-gwardjani jridu jissottomettu rapporti ta' konformità dettaljati li jiddeskrivu kif jikkonformaw mal-obbligi tal-Att dwar is-Swieq Diġitali. Biex tindirizza n-nuqqas ta' konformità mal-obbligi, il-Kummissjoni tista' timponi multi sa 10 % tal-fatturat dinji tal-kumpanija. Barra minn hekk, f'każ ta' nuqqas ta' konformità sistematika,

¹³⁸ Il-Każ DMA.100011 - *Alphabet – OIS Verticals*; Il-Każ DMA.100002 - *Alphabet – OIS AppStores*; Il-Każ DMA.100004 - *Alphabet – Magni tat-tiftix online*; Il-Każ DMA.100005 - *Alphabet – Kondivizzjoni tal-vidjos*; Il-Każ DMA.100006 - *Alphabet – Servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numri*; Il-Każ DMA.100009 - *Alphabet – Sistemi operattivi*; Il-Każ DMA.100008 - *Alphabet – Brawżers tal-internet*; Il-Każ DMA.100010 - *Alphabet – Servizzi ta' reklamar online*.

¹³⁹ Il-Każ DMA.100018 - *Amazon – Servizzi ta' intermedjazzjoni online – swieq*; Il-Każ DMA.100016 - *Amazon, Servizzi ta' reklamar online*.

¹⁴⁰ Il-Każ DMA.100013 - *Apple – Servizzi ta' intermedjazzjoni online – ħwienet tal-apps*; Il-Każ DMA.100025 - *Apple – Sistemi operattivi*; Il-Każ DMA.100027 - *Apple – brawżers tal-internet*.

¹⁴¹ Il-Każ DMA.100040 - *ByteDance – Servizzi ta' networking soċjali online*.

¹⁴² Il-Każ DMA.100020 - *Meta – Servizzi ta' networking soċjali online*; Il-Każ DMA.100024 - *Meta – Servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali indipendenti min-numru*; Il-Każ DMA.100035 - *Meta – Servizzi ta' reklamar online*; Il-Każ DMA.100044 - *Meta – Servizzi ta' intermedjazzjoni online – Marketplace*.

¹⁴³ Il-Każ DMA.100017 - *Microsoft – servizzi ta' networking soċjali online*; Il-Każ DMA.100023 - *Microsoft – servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri*; Il-Każ DMA.100026 - *Microsoft – sistemi operattivi*.

¹⁴⁴ Verżjonijiet mhux kunfidenzjali tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni huma ppubblikati fil-paġna tad-DMA tal-Kummissjoni, ara: <https://digital-markets-act-cases.ec.europa.eu/gatekeepers>

multi ogħla u rimedji komportamentali jew strutturali proporzjonati jistgħu jiġu imposti fuq tali kumpaniji.

F'Novembru 2023, tliet gwardjani kkontestaw id-deżinjazzjonijiet tagħhom skont id-DMA. ByteDance appellat quddiem il-Qorti Ġenerali d-deċiżjoni tal-Kummissjoni għad-deżinjazzjoni tagħha bħala gwardjan fir-rigward tas-servizz ta' networking soċjali online tagħha TikTok¹⁴⁵. Il-kumpanija targumenta li l-pjattaforma TikTok ma taġixxi bħala gateway iżda pjuttost tikkostitwixxi sfida fl-ispazju diġitali. ByteDance talbet ukoll miżuri provviżorji quddiem il-Qorti Ġenerali f'Diċembru 2023. Apple appellat quddiem il-Qorti Ġenerali, billi sostniet li l-Kummissjoni ma kellhiex tiddeżinjaha bħala gwardjan fir-rigward tas-servizz ta' intermedjazzjoni online tagħha App Store¹⁴⁶. Apple appellat ukoll id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiftaħ investigazzjoni tas-suq dwar l-iMessage tagħha¹⁴⁷. Fl-aħħar nett, Meta appellat quddiem il-Qorti Ġenerali fejn talbet kjarifiki dwar id-deżinjazzjoni tagħha fir-rigward ta' Messenger u Marketplace¹⁴⁸.

Il-Kummissjoni (bid-DĠ COMP u d-DĠ CNECT fit-tmexxija) hija l-infurzatur ċentrali tad-DMA iżda taħdem f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni fi ħdan in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni (NEK) skont l-Artikoli 37 u 38 tad-DMA. Ir-regoli fid-DMA huma mingħajr preġudizzju għall-infurzar tar-regoli tal-kompetizzjoni tal-UE u r-regoli nazzjonali tal-kompetizzjoni għal imġiba unilaterali.

5.2. Ir-Regolament dwar is-Sussidji Barranin

Ir-Regolament dwar is-sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern (FSR)¹⁴⁹ jagħlaq lakuna regolatorja, u b'hekk jagħmilha possibbli li jiġu indirizzati s-sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fil-kompetizzjoni fis-Suq Uniku. Filwaqt li l-għajnuna mill-Istat mogħtija mill-Istati Membri tal-UE hija soġġetta għar-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat, is-sussidji mogħtija minn pajjiżi barra mill-UE lil ditti individwali attivi fis-Suq Uniku tal-UE ma ġewx skrutinizzati qabel id-dħul fis-seħħ tal-FSR. L-FSR daħal fis-seħħ f'Jannar 2023, beda japplika f'Lulju 2023 u l-obbligu ta' notifika¹⁵⁰ ilu japplika minn Ottubru 2023. F'Lulju 2023, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni FSR¹⁵¹. Il-Kummissjoni issa tista' tinvestiga u tirrimedja, fejn xieraq, l-effetti

¹⁴⁵ Il-Kawża T-1077/23 - *Bytedance vs il-Kummissjoni*.

¹⁴⁶ Il-Kawża T-1080/23 - *Apple vs il-Kummissjoni* - Deżinjazzjoni ta' Gwardjan u Klassifikazzjoni tal-iMessage.

¹⁴⁷ Il-Kawża T-1079/23 - *Apple vs il-Kummissjoni* - Investigazzjoni tas-Suq tal-iMessage.

¹⁴⁸ Il-Kawża T-1078/23 - *Meta Platforms vs il-Kummissjoni*.

¹⁴⁹ Ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern, ĠU L330, 23.12.2022, p. 1.

¹⁵⁰ Skont l-FSR, il-konċentrazzjonijiet iridu jiġu nnotifikati meta l-kumpanija akkwistata, waħda mill-partijiet li qed jingħaqdu, jew l-impriża konġunta tkun stabbilita fl-UE u tiġġenera fatturat tal-UE ta' mill-inqas EUR 500 miljun u fejn il-partijiet għat-tranżazzjoni jkunu ngħataw kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin aggregati kkombinati ta' mill-inqas EUR 50 miljun matul l-aħħar 3 snin. Il-proċeduri tal-akkwist pubbliku jridu jiġu nnotifikati lill-Kummissjoni, fejn il-valur stmat tal-kuntratt ikun mill-inqas EUR 250 miljun, u l-offerta kkonċernata tinvolvi kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin aggregati kkombinati ta' mill-inqas EUR 4 miljun għal kull pajjiż terz matul l-aħħar 3 snin.

¹⁵¹ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1441 tal-10 ta' Lulju 2023 dwar arranġamenti dettaljati għat-twettiq ta' proċedimenti mill-Kummissjoni skont ir-Regolament (UE) 2022/2560 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-suq intern, ĠU L 177, 12.7.2023, p. 1. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni jkopri aspetti proċedurali u fi h formoli ta' notifika għal tranżazzjonijiet ta' fużjoni li jinvolvu kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin u għal kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin fi proċeduri ta' akkwist pubbliku.

distorsivi kkawżati minn appoġġ barrani mill-Istat. Dan jinkludi s-setgħa li jinfetħu investigazzjonijiet fuq inizjattiva proprja jekk ikun hemm indikazzjonijiet li sussidju barrani johlq distorsjoni fis-Suq Uniku tal-UE.

Fużjoni notifikata ma tistax titlesta, u offerent investigat ma jistax jingħata l-kuntratt ta' akkwist pubbliku waqt li jkun qed jiġi investigat mill-Kummissjoni. Jekk dan l-obbligu ma jiġix rispettata, il-Kummissjoni tista' timponi multi sa 10 % tal-fatturat annwali tal-kumpanija. Il-Kummissjoni tista' tipprojbixxi wkoll it-tlestija ta' fużjoni sussidjata jew l-għoti ta' kuntratt ta' akkwist pubbliku lil offerent issussidjat.

Wara li bdiet tapplika f'Lulju 2023, il-Kummissjoni rċeviet sottomissjonijiet minn ditti dwar l-applikazzjoni tal-FSR. Mill-bidu tal-obbligu ta' notifika fit-12 ta' Ottubru 2023, id-DĠ Kompetizzjoni beda diskussjonijiet ta' qabel in-notifika f'41 każ u rċieva 11-il notifika ta' fużjonijiet skont l-FSR.¹⁵²



Sors: il-Kummissjoni Ewropea.

¹⁵² Għall-infurzar tar-Regolament dwar is-Sussidji Barranin f'kontribuzzjonijiet finanzjarji barranin għall-proċeduri tal-akkwist pubbliku, ara: https://single-market-economy.ec.europa.eu/single-market/public-procurement/foreign-subsidies-regulation_mt.

6. L-impatt tal-politika dwar l-ghajjnuna mill-Istat fuq l-integrità tas-Suq Uniku u fuq il-kompetittività globali tal-UE

- Il-mudell Ewropew għandu l-għeruq tiegħu f'ekonomija soċjali tas-suq b'saħħitha, li twassal għal prosperità ekonomika inklużiva bbażata fuq it-ktabbir sostenibbli, il-kompetizzjoni ġusta, il-kummerċ miftuħ u s-sigurtà ekonomika. Is-Suq Uniku huwa fil-qalba tal-kompetittività tal-UE u l-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku u globalment.
- F'dan l-isfond, ir-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat għaddew minn proċess ta' rieżami fil-fond f'dan il-mandat biex jiġi żgurat li jkunu adatti għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u jikkontribwixxu għal ekonomija tal-UE kompetittiva u reżiljenti. Ir-regoli ġew aġġornati fejn rilevanti u jipprovdu għodod effettivi għall-Istati Membri biex jindirizzaw il-ħtiġijiet ta' investiment pubbliku għal prijoritajiet ewlenin bħall-protezzjoni ambjentali u d-dekarbonizzazzjoni, il-koeżjoni reġjonali, l-innovazzjoni rivoluzzjonarja, kif ukoll għall-kapaċità tal-manifattura f'setturi strateġiċi, b'mod partikolari għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti. L-aktar *data* reċenti disponibbli turi li fl-2022, l-Istati Membri żborżaw EUR 112-il biljun ta' għajjnuna mill-Istat (mhux għall-kriżi), li jikkorrispondu għal 0,7 % tal-PDG tal-UE.
- Il-kriżijiet bla preċedent ikkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 kif ukoll mill-invażjoni Russa tal-Ukrajna għamluha neċessarja li l-Kummissjoni tuża l-flessibbiltà sħiħa tas-sett ta' għodod għall-ghajjnuna mill-Istat, b'mod partikolari permezz ta' regoli mmirati u temporanji, biex l-Istati Membri jkunu jistgħu jillimitaw l-impatt tal-kriżijiet fuq l-ekonomija tal-UE, filwaqt li jistabbilixxu salvagwardji biex jiproteġu s-Suq Uniku.
- Id-*data* u l-analiżi tal-implimentazzjoni attwali tal-Qafas Temporanju tal-COVID-19 (li tneħħa kompletament) urew li l-ghajjnuna mill-Istat mogħtija minn kull Stat Membru kienet ferm aktar baxxa mill-ammonti approvati (madwar 30 %) u fil-biċċa l-kbira kkorrispondiet għad-dannu ekonomiku mġarrab mill-Istat Membru matul il-kriżi f'termini ta' telf tal-PDG.
- L-aktar *data* reċenti disponibbli turi li l-Istati Membri taw EUR 141 biljun f'ghajjnuna għall-kriżi fl-2022 u fl-ewwel nofs tal-2023, li jikkorrispondu għal 0,6 % tal-PDG tal-UE f'dak il-perjodu, biex jiġi limitat l-impatt ekonomiku tal-invażjoni Russa tal-Ukrajna. Id-*data* disponibbli bħalissa turi li l-Istati Membri taw inqas minn 20 % tal-ammonti approvati. Hemm diverġenzi fl-infiq bejn l-Istati Membri, li parzjalment x'aktarx jirriflettu kapaċità fiskali li tvarja, iżda dawn jistgħu jiġu spjegati wkoll parzjalment minn differenzi fl-impatt tal-kriżi tal-enerġija u fid-daqs tal-ekonomiji.
- Fl-aħħar nett, il-punt 86 fil-Qafas Temporanju ta' Kriżi (u ta' Tranżizzjoni) (TCTF) huwa żieda utli għas-sett ta' għodod, biex titħaffef it-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti u biex jiġu indirizzati r-riskji li investimenti ġodda f'setturi strateġiċi għat-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet zero netti jiġu ddevjati barra mill-UE favur pajjiżi terzi minħabba sussidji. Din id-dispożizzjoni tippermetti għajjnuna individwali sal-ammont ta' sussidju li l-benefiċjarju jista' jirċievi għal investiment ekwivalenti f'ġuriżdizzjoni ta' pajjiż terz barra miż-ŻEE, jew l-ammont meħtieġ biex il-kumpanija tiġi inċentivata biex tillokalizza l-investiment fiż-ŻEE (l-hekk imsejħa "diskrepanza fil-finanzjament"), skont liema jkun l-inqas.
- Il-Kummissjoni taħdem b'mod kostanti biex tiżgura li r-regoli dwar l-ghajjnuna mill-Istat jibqgħu adattati għall-iskop tagħhom u biex timmonitorja l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' għajjnuna, bl-għan li tippermetti appoġġ pubbliku mmirat tajjeb għall-prijoritajiet tal-UE u l-kompetittività fit-

tul, kif ukoll miżuri temporanji biex jiġu indirizzati l-kriżijiet, filwaqt li tillimita d-distorsjonijiet bla bżonn tal-kompetizzjoni fis-Suq Uniku.

Sabiex jiġu protetti l-ġustizzja u l-funzjonament xieraq tas-Suq Uniku, it-TFUE ġeneralment jipprojbixxi l-ghajjnuna mill-Istat mill-Istati Membri li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni. Il-kontroll tal-ghajjnuna mill-Istat jiżgura li l-kompetizzjoni bejn il-kumpaniji sseħħ fuq il-merti aktar milli abbażi tal-livell ta' appoġġ mill-gvern, u b'hekk jiġu evitati tlielaq għas-sussidji u li jiġu ffavoriti kumpaniji minn Stati Membri "aktar sinjuri". Fl-istess ħin, f'xi ċirkostanzi l-interventi tal-gvern jistgħu jkunu meħtieġa għal ekonomija ekwa u li tiffunzjona tajjeb. Għalhekk, it-TFUE jħalli biżżejjed lok għal ghajjnuna mill-Istat biex tappoġġa l-obiettivi ta' politika, jekk tkun meħtieġa, proporzjonata, u xierqa biex jintlaħqu dawk l-obiettivi mingħajr ma tfixkel bla bżonn il-kompetizzjoni fis-Suq Uniku. Billi jiffoka fuq ghajjnuna li hija leġittima u effettiva u billi jevita kumpens żejjed, il-kontroll tal-ghajjnuna mill-Istat jimmassimizza wkoll l-utilità ta' riżorsi pubbliċi limitati.

F'Ottubru 2023, il-Kunsill Ewropew fakkar fl-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tirrapporta lill-Kunsill dwar l-impatt tal-politika attwali dwar l-ghajjnuna mill-Istat fuq l-integrità tas-Suq Uniku kif ukoll dwar il-kompetittività globali tal-UE. Tabilħaqq, meta jiġi evalwat l-impatt tal-politika dwar l-ghajjnuna mill-Istat, huwa kruċjali li titqies l-isfida doppja li tiffaċċja minn perspettiva interna u esterna. Il-kontroll tal-ghajjnuna mill-Istat irid jissodisfa l-mandat tiegħu biex jevita distorsjonijiet bla bżonn għall-kompetizzjoni fis-Suq Uniku, filwaqt li jippermetti lill-ekonomija tal-UE tibqa' fuq quddiem nett tal-innovazzjoni u tmexxi t-tranżizzjonijiet doppji fil-klima ġeopolitika diffiċli attwali.

Il-Kummissjoni tiġbor regolarment u kontinwament *data* dwar l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' ghajjnuna mill-Istat mill-Istati Membri biex timmonitorja l-impatt tagħha:

- L-ewwel nett, il-Kummissjoni tħejji "**Tabella ta' Valutazzjoni tal-ghajjnuna mill-Istat**" annwali bbażata fuq *data* sottomessa mill-Istati Membri¹⁵³ dwar in-nefqa tagħhom (jiġifieri, l-ammonti żborżati) skont il-miżuri ta' ghajjnuna approvati, inkluża kwantifikazzjoni tal-element ta' ghajjnuna tan-nefqa, jiġifieri, il-vantaġġ mogħti mill-ghajjnuna¹⁵⁴. L-aktar *data* reċenti tkopri l-2022.
- It-tieni, fid-dawl tal-ammonti sinifikanti ta' ghajjnuna żborżati fi kriżijiet reċenti, jiġifieri, fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 u b'rispons għall-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, il-Kummissjoni fuq bażi eċċezzjonali nediet **stħarriġ perjodiku biex tiġbor informazzjoni f'waqtha dwar l-ghajjnuna effettivament mogħtija** (jiġifieri ammonti li l-kumpaniji rċevew intitolament legali għalihom, filwaqt li l-iżborż jista' jseħħ maż-żmien)

¹⁵³ L-informazzjoni hija bbażata fuq ir-rapportar annwali mill-Istati Membri skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 794/2004. Il-preċiżjoni tad-*data* tibqa' r-responsabbiltà tal-Istati Membri.

¹⁵⁴ L-element ta' ghajjnuna jiddependi fuq il-forma tal-ghajjnuna. Għall-għotjiet, il-vantaġġ mgħoddi lill-benefiċjarju normalment jikkorrispondi għan-nefqa baġitarja. Għal strumenti oħra ta' ghajjnuna, il-vantaġġ għall-benefiċjarju u l-kost għall-gvern jistgħu jvarjaw. Fil-każ ta' garanziji, pereżempju, il-benefiċjarju jevita r-riskju assoċjat mal-garanzija, peress li din tinġarr mill-Istat. It-teħid ta' dan ir-riskju mill-Istat għandu normalment jiġi remunerat bi primjum xieraq. Meta l-Istat jirrinunzja għal dan il-primjum kollu jew parti minnu, dan jirrappreżenta l-element ta' ghajjnuna.


mill-Istati Membri taħt miżuri ta' kriżi approvati. L-aktar stħarriġ reċenti jkopri l-2022 sal-aħħar ta' Ġunju 2023. Filwaqt li fil-kuntest tar-rapportar annwali l-Istati Membri huma meħtieġa wkoll jipprovdu kwantifikazzjoni tal-elementi tal-ghajjnuna, b'reazzjoni għal dak l-istħarriġ tal-kriżi, l-Istati Membri jirrapportaw dwar l-ammonti nominali tal-ghajjnuna mogħtija, biex jissimplifikaw il-ġbir tad-*data* u jnaqqsu l-piż amministrattiv.

6.1 Stampa ġenerali tal-iżborż tal-ghajjnuna mill-Istat għall-ghajjnuna għall-kriżi u mhux għall-kriżi fl-2022

Skont l-aktar rapporti annwali reċenti tal-Istati Membri, fl-2022, is-27 Stat Membru zborżaw EUR 227,98 biljun, li jikkorrispondu għal 1,43 % tal-PDG tagħhom tal-2022, tal-ghajjnuna mill-Istat kemm għal miżuri mhux għall-kriżi kif ukoll għal miżuri għall-kriżi (dawn tal-aħħar prinċipalment ibbażati fuq il-Qafas Temporanju għall-Kriżijiet b'rispons għall-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna).

In-nefqa totali titnaqqas b'mod sinifikanti meta mqabbla mas-sena ta' qabel (tnaqqis ta' madwar 35 % meta jsir aġġustament għall-inflazzjoni). L-ewwel nett, it-tnaqqis kien prinċipalment xprunat mit-tnaqqis fin-nefqa totali għall-miżuri tal-COVID-19 fid-dawl tat-tneħħija gradwali tal-Qafas Temporanju tal-COVID-19 sal-aħħar ta' Ġunju 2022. It-tnaqqis fil-miżuri tal-COVID-19 ammonta għal EUR 76,66 biljun (madwar -60 % meta mqabbel mas-sena preċedenti, b'aġġustament għall-inflazzjoni), li jirrappreżenta 0,48 % tal-PDG tal-EU27. It-tieni, l-ghajjnuna għall-obiettivi mhux għall-kriżi wkoll naqset b'mod sinifikanti, b'madwar 28 %, minn madwar EUR 155,55 biljun (fi prezzijiet kostanti) fl-2021 għal EUR 112-il biljun fl-2022 (ara aktar 'l isfel).

Tabella 1: Nefqa totali tal-Ghajjnuna mill-Istat, elementi ta' ghajjnuna f'perċentwal tal-PDG, diżaggregazzjoni bejn l-ghajjnuna mill-Istat relatata mal-COVID-19, l-ghajjnuna mill-Istat relatata mat-TCF u l-miżuri ta' ghajjnuna mill-Istat mhux marbuta mal-kriżi



F'termini relattivi, meta wieħed iħares lejn id-distribuzzjoni tan-nefqa fuq l-ghajjnuna mill-Istat (kriżi u mhux kriżi) fil-livell tal-Istati Membri bħala sehem tal-PDG nazzjonali, hemm dispersjoni sinifikanti tal-infiq madwar l-Istati Membri, għalkemm imnaqqas b'mod sinifikanti meta mqabbel

mal-2021. Dawk l-Istati Membri li jonfqu l-aktar nefqu madwar 1,8 -2,1 % tal-PDG nazzjonali tagħhom (l-Ungerija u l-Ġermanja), filwaqt li l-Istati Membri li jonfqu l-inqas nefqu madwar 0,3 % - 0,6 % tal-PDG nazzjonali tagħhom (l-Irlanda, Ċipru u l-Lussemburgu).

L-istampa ġenerali derivata minn dik id-*data* hija li, filwaqt li hemm differenzi sinifikanti bejn l-ammonti ta' għajjnuna żborżati mill-Istati Membri (bla sorpriża ta' xejn, Stati Membri kbar li jiżborżaw l-ogħla ammonti ta' għajjnuna f'termini assoluti), l-istampa hija aktar sfumata meta wieħed iħares lejn in-nefqa relattiva tal-għajjnuna mill-Istat meta mqabbla mal-PDG.

Barra minn hekk, parti sinifikanti min-nefqa fil-Ġermanja fl-2022 hija relatata ma' għajjnuna għall-kriżi għal sitwazzjoni *ad hoc* li tikkonċerna żewġ utilitajiet tal-enerġija sistemiċi li kienu jeħtieġu appoġġ pubbliku wara l-interruzzjoni tal-konsenji tal-gass bħala riżultat tal-gwerra tar-Russja fl-Ukrajna (ara aktar 'l isfel).

Ta' min jinnota wkoll li l-Istati Membri setgħu taw appoġġ sinifikanti lill-ekonomiji u lill-unitajiet domestiċi tagħhom permezz ta' miżuri oħra – mhux ta' għajjnuna mill-Istat. Dan ifisser li l-appoġġ ġenerali lill-ekonomiji u lill-unitajiet domestiċi huwa differenti mid-*data* derivata mir-rapporti annwali mill-Istati Membri msemmija hawn fuq, li jirreferu esklużivament għall-iżborżi taħt miżuri li jikkwalifikaw bħala għajjnuna mill-Istat.

Tabella 2: Nefqa totali tal-Għajjnuna mill-Istat skont l-Istat Membru fl-2022, elementi ta' għajjnuna f'EUR biljun, tqassim bejn l-għajjnuna mill-Istat relatata mal-COVID-19, l-għajjnuna mill-Istat relatata mat-TCF u l-miżuri ta' għajjnuna mill-Istat mhux marbuta mal-kriżi





Tabella 3: Nefqa totali tal-ghajjnuna mill-Istat skont l-Istat Membru, bħala % tal-PDG nazzjonali tal-2022, diżaggregazzjoni bejn l-ghajjnuna mill-Istat relatata mal-COVID-19, l-ghajjnuna mill-Istat relatata mat-TCF u miżuri oħra ta' ghajjnuna mill-Istat (mhux għall-kriżi)



B'nfasi fuq **l-ghajjnuna mhux għall-kriżi fl-2022**, meta mqabbel mal-2021, l-ammont żborżat mill-Istati Membri naqas f'termini nominali f'20 Stat Membru. It-tnaqqis kien partikolarment evidenti fil-Ġermanja (-59 % f'termini nominali, aġġustata għall-inflazzjoni), fil-Kroazja (-52 %) u f'Malta (-50 %), kif ukoll fil-Bulgarija, fil-Latvja, fil-Lussemburgu u fl-Ungerija, fejn naqas b'madwar 40 %. Ġie osservat ukoll tnaqqis sostanzjali, ta' aktar minn 20 % fil-Polonja u fil-Litwanja (it-tnejn madwar -28 %) u fl-Estonja (-22 %). L-ghajjnuna mhux għall-kriżi naqset ukoll fil-Finlandja (-18 %), fis-Slovenja (-17 %), fiċ-Ċekja (-14 %), fin-Netherlands u fl-Awstrija (-12 % fiż-żewġ pajjiżi), fi Franza u f'Ċipru (-11 %), fl-Irlanda (-9 %), fil-Belġju u fl-Italja (-6 %).

Min-naħa l-oħra, l-ghajjnuna mhux għall-kriżi żdiedet sostanzjalment fil-Portugall (+66 % f'termini nominali, aġġustata għall-inflazzjoni), fid-Danimarka (+44 %) u fi Spanja (+30 %). Fis-Slovakkja, l-ghajjnuna mhux għall-kriżi żdiedet b'14 % meta mqabbla mal-2021, fil-Greċja b'4 %. Ir-Rumanija u l-Iżvezja t-tnejn irrapportaw l-istess livell ta' appoġġ għal miżuri mhux għall-kriżi fl-2021 u fl-2022.

B'mod ġenerali, it-tnaqqis fl-ghajjnuna mill-Istat mhux għall-kriżi jidher prinċipalment xprunat minn tnaqqis fl-ghajjnuna żborżata għall-ħarsien tal-ambjent, inkluż għall-iffrankar tal-enerġija, minn madwar EUR 77,3 biljun fl-2021 għal EUR 41,5 biljun fl-2022. Hija meħtieġa analiżi ulterjuri, iżda t-tnaqqis jista' jiġi spjegat parzjalment mill-alternattivi pprovduti mill-Qafas Temporanju għall-Kriżijiet, introdott f'Marzu 2022, u l-emendi sussegwenti tiegħu li ppermettew lill-Istati Membri jipprovdu ghajjnuna biex jaċċelleraw l-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-ghajjnuna għad-dekarbonizzazzjoni tal-proċessi industrijali. Madankollu, id-data turi (ara t-Tabella 4) li l-ghajjnuna żborżata għall-protezzjoni ambjentali tibqa' bil-bosta l-akbar kategorija ta' ghajjnuna mill-Istat mhux għall-kriżi u baqgħet bejn erba' darbiet u darbtejn ogħla anke fi żminijiet ta' kriżi meta mqabbla ma' 10 snin ilu (fi prezzijiet kostanti, aġġustati għall-inflazzjoni).

Tabella 4: Nefqa tal-Għajjnuna mill-Istat minbarra l-għajjnuna għall-kriżi bejn l-2012 u l-2022, elementi ta' għajjnuna f'biljuni ta' EUR fi prezzijiet kostanti, analiżi skont l-oġettiv tal-għajjnuna




Tabella 5: Nefqa tal-Għajjnuna mill-Istat mhux għall-kriżi, diżaggregazzjoni skont l-objettiv tal-għajjnuna






Tabella 6: Nefqa totali tal-ghajjuna mill-Istat skont l-Istat Membru, f'ammonti nominali (EUR biljun fi prezzijiet kostanti), diżaggregazzjoni bejn l-ghajjuna mill-Istat relatata mal-COVID-19, l-ghajjuna mill-Istat relatata mat-TCF u miżuri oħra ta' ghajjuna mill-Istat (mhux għall-kriżi), 2012-2022 (l-ordni tal-Istati Membri hija bbażata fuq in-nefqa kumulattiva)



6.2 Użu kruċjali iżda kawt tal-għajnuna mill-Istat fi żminijiet ta' kriżi

Minħabba d-diversi kriżijiet f'dawn l-aħħar snin, il-possibiltajiet stabbiliti fit-TFUE biex tkun permessa għajnuna mill-Istat f'“okkorrenzi eċċezzjonali” jew “biex jiġi rrimedjat taqlib serju fl-ekonomija ta' Stat Membru” ntużaw b'mod estensiv. Dawn id-dispożizzjonijiet ippermettew lill-Kummissjoni, pereżempju, tapprova miżuri ta' għajnuna mill-Istat biex tindirizza l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 fuq l-ekonomija, u aktar reċentement, il-kriżi tal-enerġija li rriżultat mill-aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna (taħt il-Qafas Temporanju għall-Kriżijiet – TCF – u sussegwentement il-Qafas Temporanju ta' Kriżi u ta' Tranżizzjoni – TCTF, it-tnejn imsejħa TC(T)F).

Biex ikollha ħarsa ġenerali lejn l-għajnuna mogħtija skont il-**Qafas Temporanju tal-COVID-19**, il-Kummissjoni wettqet sħarriġ li jkopri l-perjodu bejn Marzu 2020, meta daħal fis-seħħ il-Qafas, u tmiem l-2021. L-evidenza miġbura dwar l-implimentazzjoni attwali tal-Qafas uriet li l-għajnuna mill-Istat mogħtija minn kull Stat Membru (EUR 940 biljun, li tirrappreżenta madwar 30 % tal-ammonti approvati, jiġifieri EUR 3,1 triljun) kienet taqbel mal-ħsara ekonomika mġarrba mill-Istat Membru matul il-kriżi f'termini ta' telf tal-PDG.¹⁵⁵ Dan bagħat messaġġ ta' serħan il-moħħ fid-dawl tat-tħassib potenzjali dwar il-kundizzjonijiet ekwi madwar l-Istati Membri minħabba dispersjoni sinifikanti madwar l-Istati Membri. Il-Qafas Temporanju tal-COVID-19 issa ġie eliminat kompletament.


Bl-istess mod, biex ikollha ħarsa ġenerali tal-għajnuna mogħtija taħt it-**TC(T)F jew f'konformità mal-prinċipji tagħha**, il-Kummissjoni wettqet sħarriġ li jkopri l-perjodu bejn Marzu 2022, meta t-TCF daħal fis-seħħ, u Ġunju 2023 (ma hemmx biżżejjed *data* disponibbli għat-tieni nofs tal-2023). Matul dan il-perjodu, il-Kummissjoni approvat kważi EUR 730 biljun f'għajnuna mill-Istat taħt it-TC(T)F jew f'konformità mal-istess prinċipji. L-input miġbur mill-Istati Membri fl-istħarriġ juri li EUR 141 biljun fil-fatt ingħataw lill-kumpaniji, li jirrappreżentaw biss 19,3 % tal-għajnuna approvata u li jikkorrispondu għal 0,6 % tal-PDG tal-UE fl-2022 u fl-ewwel nofs tal-2023¹⁵⁶. Ta' min jinnota li l-Istati Membri jistgħu formalment jagħtu l-ammont sħiħ tal-għajnuna fi żmien partikolari f'sena waħda iżda jpoġġuh għad-dispożizzjoni tal-benefiċjarji fuq diversi snin (sabiex l-ammonti setgħu ma tħallsux (kompletament) fl-2022 jew fl-ewwel nofs tal-2023).

Matul il-perjodu inkwistjoni, il-Ġermanja tat EUR 72,8 biljun, li jirrappreżentaw 52 % tal-EUR 141 biljun, segwita mill-Italja, li tat EUR 39,2 biljun, u Spanja, bi EUR 12,1 biljun. F'termini assoluti, daww it-tliet pajjiżi li neqfu l-aktar taw 88 % tal-għajnuna kollha. F'termini relattivi, l-Ungerija kienet l-aktar li nefqet, wara li tat ammont li jikkorrispondi għal 1,35 % tal-PDG tagħha fl-2022 u l-ewwel nofs tal-2023. It-tieni l-aktar li nefqet f'termini relattivi kienet l-Italja (1,32 % tal-PDG), segwita mill-Ġermanja (1,23 % tal-PDG) u r-Rumanija (0,85 % tal-PDG).

¹⁵⁵ Sommarju tal-Politika tad-DĠ COMP “Looking back at the State aid Temporary Framework: the take-up of measures in the EU” bid-data ta' Ottubru 2022, disponibbli [hawnhekk](#).


¹⁵⁶ L-informazzjoni magħmula disponibbli lill-Kummissjoni mill-Istati Membri hija preliminari u d-*data* tista' tkun soġġetta għal korrezzjoni mill-Istati Membri.

Tabella 7: Għajnuna mill-Istat mogħtija f'ammonti nominali sa Ġunju 2023 taħt it-TC(T)F jew abbażi tal-prinċipji tagħha f'ammonti assoluti (ċart tax-xellug) u bħala perċentwal tal-PDG nazzjonali (ċart tal-lemin)



Għajnuna mill-Istat totali mogħtija taħt it-TC(T)F jew f'konformità mal-prinċipji tagħha f'biljuni ta' EUR (valuri kumulattivi)

Għajnuna mill-Istat totali mogħtija taħt it-TC(T)F jew f'konformità mal-prinċipji tagħha f'% tal-PDG tal-2022 + nofs l-2023



Meta wieħed iħares aktar mill-qrib lejn l-għajnuna mogħtija mill-Ġermanja, 85 % tal-ammont totali nġhata lil żewġ benefiċjarji: hija tkopri r-

rikapitalizzazzjonijiet ta' Uniper SE (EUR 33 biljun) u SEFE GmbH (EUR 6,5 biljun) u self u self sussidjat disponibbli għal dawn iż-żewġ kumpaniji taħt skema umbrella Ġermaniża (linji ta' kreditu ta' EUR 16-il biljun u EUR 7 biljun rispettivament¹⁵⁷, li setgħu ma għewx prelevati). Dawn l-interventi kienu meħtieġa biex jiġi evitat il-kollass ta' dawn iż-żewġ utilitajiet tal-enerġija sistemiċi li kellhom kuntratti fit-tul pendenti li ma setgħux jibqgħu jonoraw wara t-tnaqqis drastiku tar-Russja fil-provvisti tal-gass lejn il-Ġermanja. Minħabba l-pożizzjoni sistemika tagħhom fis-suq, il-kollass tagħhom kien ikollu konsegwenzi serji għall-klijenti tagħhom u b'mod aktar ġenerali fuq is-suq tal-enerġija Ġermaniż kif ukoll dak Ewropew.

Barra minn hekk, dawn iċ-ċifri tal-istħarriġ għandhom jinqraw filwaqt li jitqiesu diversi kunsiderazzjonijiet addizzjonali. Huma jirreferu esklużivament għal miżuri li jikkwalifikaw bħala għajnuna mill-Istat u li għew innotifikati lill-Kummissjoni u approvati minnha. Barra minn hekk, dawn jirrappreżentaw l-ammont nominali ta' għajnuna mill-Istat mogħtija bl-użu ta' strumenti differenti (pereżempju, għotjiet diretti, ekwità, self u garanziji), li għandhom impatti distorsivi differenti fuq il-kompetizzjoni. Meta wieħed iħares lejn l-għajnuna mogħtija permezz ta' strumenti differenti, għandhom jitqiesu l-elementi ta' għajnuna, peress li jirrappreżentaw il-vantaġġ attwali mgħoddi lill-impriża u jistgħu jikkostitwixxu kejl aħjar għal tqabbil ġust tal-għajnuna mogħtija permezz ta' strumenti ripagabbli u mhux ripagabbli. Dan minħabba li strumenti mhux ripagabbli, bħala għotjiet, ġeneralment joħlqu aktar distorsjoni tal-kompetizzjoni meta mqabbla ma' strumenti ripagabbli bħala garanziji jew self b'imgħax baxx.

L-element ta' għajnuna jista' jiġi stmat b'modi differenti skont it-tip ta' strument: għal strumenti mhux ripagabbli, il-vantaġġ mgħoddi lill-benefiċjarju normalment jikkorrispondi għall-ammont nominali, li huwa n-nefqa baġitarja nnifisha. Għal strumenti ta' għajnuna ripagabbli, il-vantaġġ għall-impriża u l-kost għall-gvern jistgħu jvarjaw. L-element ta' għajnuna, u n-nefqa baġitarja, ġeneralment ikunu (ħafna) inqas mill-ammont nominali. Għal strumenti ta' għajnuna bħala self jew garanziji, il-vantaġġ għall-impriża u l-kost għall-gvern huma rispettivament ir-rata tal-imgħax aktar baxxa u t-tariffa ta' garanzija mnaqqsa attwalment imħallsa mill-impriża meta mqabbla ma' dik li kienet titħallas bil-valuri tas-suq.

F'dan ir-rigward, meta jitqiesu l-elementi ta' għajnuna stmati, il-Ġermanja tat madwar 0,9 % tal-PDG tagħha għall-2022 u l-ewwel nofs tal-2023, prinċipalment fil-forma ta' interventi ta' ekwità, għal darba oħra b'mod partikolari għar-rikapitalizzazzjonijiet tal-fornituri sistemiċi tal-enerġija Uniper u SEFE (55 % tal-għajnuna totali mogħtija). L-akbar nefqa tal-għajnuna mill-Istat li jmiss hija mill-Ungerija (madwar 0,68 % tal-PDG tagħha stess), Spanja (0,45 %) u l-Portugall (0,41 %). L-Italja u r-Rumanija taw sehem iżgħar mill-PDG rispettivi tagħhom meta ħarsu lejn l-elementi ta' għajnuna, li jirriflettu l-użu kbir ta' strumenti ripagabbli, prinċipalment garanziji.

Barra minn hekk, l-Istati Membri implimentaw miżuri ta' politika fiskali orizzontali biex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija fuq l-unitajiet domestiċi u n-negozji. Dawn huma fil-biċċa l-

¹⁵⁷ Id-daqs tal-linji ta' kreditu tnaqqas minħabba titjib fil-kundizzjonijiet tas-suq.

kbira miżuri li ma jikkwalifikawx bħala għajnuna mill-Istat. Abbażi tal-istimi fit-tbassir ekonomiku tal-ħarifa tal-Kummissjoni¹⁵⁸, fl-2023, il-kost baġitarju nett ta' tali miżuri tal-enerġija¹⁵⁹ ammonta għal madwar EUR 165 biljun, li jikkorrispondi għal 0,97 % tal-PDG tal-EU-27, tnaqqis minn EUR 195 biljun u 1,2 % tal-PDG tal-EU-27 fl-2022.

F'termini assoluti, il-miżuri implimentati mill-Ġermanja, Franza u l-Italja kellhom l-ogħla kost baġitarju nett fl-2023, ta' EUR 59,4 biljun, EUR 22,8 biljun u EUR 21,4 biljun rispettivament, li flimkien jirrappreżentaw 63 % tal-miżuri fiskali kollha tal-enerġija fl-UE (rispettivament madwar 36 %, 14 %, u 13 % tal-infiq totali tal-UE fuq miżuri fiskali tal-enerġija). Dawn huma segwiti minn Spanja, bi EUR 13,5 biljun (8 % tat-total) u n-Netherlands, b'EUR 10,6 biljun (6 % tat-total). Fl-Istati Membri l-oħra kollha, il-kost baġitarju nett kien bejn 3 % (il-Polonja) u 0,01 % (il-Greċja) tal-infiq totali tal-UE fuq il-miżuri fiskali tal-enerġija.

F'termini relattivi bħala sehem tal-PDG tagħhom tal-2023, il-miżuri implimentati mis-Slovakkja, il-Kroazja u Malta kellhom l-ogħla kost baġitarju nett (1,89 %, 1,77 % u 1,6 %, rispettivament). Huma segwiti mill-Awstrija (1,56 %) u l-Ġermanja (1,45 %). L-Ungerija (1,34 %), il-Portugall (1,25 %), iċ-Ċekja (1,18 %), l-Italja (1,04 %) u n-Netherlands (1,03 %) kellhom kost baġitarju ogħla mill-medja tal-EU-27 (0,97 %).

Minn perspettiva makroekonomika, l-aħħar snin kienu kkaratterizzati minn diversi fatturi kumplessi u dinamiċi. Il-pandemija tal-COVID-19 naqset gradwalment, bit-tneħħija tar-restrizzjonijiet, u fl-istess ħin l-aggressjoni Russa fl-Ukrajna eskalat, bil-kriżi sussegwenti kif ukoll ir-riskju ta' eskalazzjoni fit-tensjonijiet ġeopolitiċi li qed jiżdiedu fil-Lvant Nofsani. Dawn l-avvenimenti kellhom implikazzjonijiet sinifikanti għall-kundizzjonijiet ekonomiċi fl-UE u fl-Istati Membri tagħha. Skont it-Tbassir Ekonomiku tax-Xitwa 2024¹⁶⁰ tal-Kummissjoni, it-ktabbir kemm fl-UE kif ukoll fiż-żona tal-euro kien aktar modest milli mistenni (0,5 % fl-2023, tnaqqis żgħir miż-0,6 % previst fit-Tbassir tal-Ħarifa preċedenti). Fil-livell tal-UE, it-ktabbir modest tas-sena l-oħra huwa dovut l-aktar għall-momentum tal-irkupru ekonomiku ta' wara l-pandemija fis-sentejn preċedenti, filwaqt li t-tnaqqis fl-inflazzjoni globali fl-2023 kien aktar mgħaġġel milli mistenni, u xprunat l-aktar minn tnaqqis fil-prezzijiet tal-enerġija.

Dawn il-fatturi u l-esponiment rispettiv tal-ekonomija ta' Stat Membru kellhom implikazzjonijiet sinifikanti għall-prestazzjoni ekonomika tagħhom kif ukoll għall-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni

¹⁵⁸ Id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji tal-Kummissjoni Ewropea (2023), Tbassir Ekonomiku Ewropew, Ħarifa 2023. Disponibbli fuq: https://economy-finance.ec.europa.eu/document/download/4139ef72-9eb3-4fad-a116-ee87979f4d35_en?filename=ip258_en.pdf. L-impatt baġitarju jirrifletti l-miżuri stabbiliti jew imħabba qabel l-aħħar ta' Ottubru 2023. Għas-Slovakkja, l-istimi tat-tbassir ġew aġġornati wara l-preżentazzjoni tal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju tal-2024 fit-12 ta' Diċembru 2023.

¹⁵⁹ Għall-finijiet ta' dawn l-istimi, "miżuri tal-enerġija" huma definiti bħala: (1) miżuri li għandhom impatt dirett fuq il-kost marġinali tal-konsum tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u/jew għad-ditti ("miżuri tal-prezzijiet"); (2a) miżuri li jipprovdu appoġġ temporanju għall-introjtu lill-unitajiet domestiċi; (2b) miżuri li jipprovdu kumpens lil ditti għajr miżuri ta' prezzijiet (it-tnejn "miżuri ta' introjtu"); u (3) dħul minn (taxxi jew imposti ġodda fuq) profitti mhux mistennija minn kumpaniji tal-enerġija.

¹⁶⁰Tbassir Ekonomiku Ewropew – Xitwa 2024, Dokument Istituzzjonali 268, Frar 2024

tal-miżuri ta' għajnuna mill-Istat adottati b'reazzjoni. Fost l-Istati Membri li taw l-akbar ammonti ta' għajnuna f'termini relattivi jew f'termini ta' elementi ta' għajnuna stmati, l-ekonomiji Ġermaniżi u Ungeriżi naqsu bi ftit fl-2023 (b'0,3 % u 0,8 %, rispettivament), filwaqt li Spanja esperjenzat tkabbir ogħla mill-medja (2,5 %). Bl-istess mod, fost l-Istati Membri li taw l-inqas ammont ta' għajnuna f'termini relattivi jew f'termini ta' elementi ta' għajnuna stmati, id-Danimarka esperjenzat tkabbir medju (0,5 %) u Ċipru tkabbir ogħla mill-medja (2,4 %), filwaqt li l-ekonomija Estonjana naqset bi 3,5 %. Dan juri li mhux possibbli li jinsiltu konklużjonijiet li mqar ikunu tentattivi dwar l-impatt tal-għajnuna mill-Istat, meqjusa b'mod iżolat, fuq it-tkabbir tal-PDG, peress li dan l-impatt huwa kkombinat mal-effetti ta' diversi fatturi oħra, meta wieħed iqis l-eteroġeneità u l-inċertezza tal-kuntest f'kull Stat Membru.

L-analiżi ta' hawn fuq u d-*data* ppreżentata juru l-importanza li jiġi vvalutat l-impatt tal-għajnuna għall-kriżijiet lil hinn miċ-“ċifri ewlenin”, iżda wkoll in-nuqqas ta' *data* f'dan l-istadju biex jiġu vvalutati l-korrelazzjonijiet jew il-kawżalità. L-Istati Membri seta' kellhom sensitivitàjiet tal-enerġija li jvarjaw għall-gwerra fl-Ukrajna, ekonomiji strutturati b'mod differenti – b'mod partikolari f'termini ta' daqs jew importanza ta' industrijiet tqal jew intensivi fl-enerġija – u/jew setturi tal-enerġija strutturati b'mod differenti. Barra minn hekk, il-kapaċità tal-Istati Membri li jappoġġaw lill-kumpaniji tista' tvarja b'mod sinifikanti. Filwaqt li l-għajnuna mill-Istat tiġi approvata soġġetta għal salvagwardji ċari biex jiġi żgurat li tkun meħtieġa, proporzjonata u ma tfixkilx il-kompetizzjoni bla bżonn, ir-regoli temporanji għandhom jitneħħew gradwalment hekk kif il-kundizzjonijiet tas-suq jiġġustifikawha. Huwa għalhekk li t-taqsimiet tal-kriżi li fadal tat-TCTF se jiskadu f'Ġunju 2024.

6.3 L-insewiment tat-tranżizzjoni diġitali u ekoloġika u prijoritajiet oħra tal-UE

Għalkemm l-Istat jista' jkollu rwol importanti biex joħloq iċ-ċirkostanzi xierqa fl-ekonomija biex iwassal il-kompetittività, ħafna mill-azzjonijiet tiegħu għal dak l-għan jistgħu ma jinvolvux għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, u l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat normalment ma jkunux biżżejjed waħedhom f'dan ir-rigward.

Minkejja dan, ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat joffru ħafna possibbiltajiet għall-Istati Membri biex jissodisfaw l-oġġettivi ta' politika li jappoġġaw ekonomija ekwa u li tiffunzjona tajjeb, u biex jindirizzaw il-fallimenti tas-suq. F'dan ir-rigward, ir-rieżami tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat fittex li jiżgura li jkun adattati għall-iskop tagħhom u jallinjahom mal-oġġettivi ekoloġiċi, diġitali u ta' reżiljenza tal-UE.

Sa tmiem l-2023, il-Kummissjoni ffinalizzat ir-rieżami ta' kważi l-linji gwida ewlenin kollha dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-linji gwida riveduti jispeċifikaw kif l-Istati Membri jistgħu jappoġġaw l-ekonomiji tagħhom, speċjalment biex jinvestu f'teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali, mingħajr ma jfixxlu bla bżonn il-kompetizzjoni fis-Suq Uniku filwaqt li jikkontribwixxu għall-kompetittività globali¹⁶¹.

¹⁶¹ B'mod eċċezzjonali, il-Kummissjoni tista' tapprova wkoll l-għajnuna barra mil-linji gwida u direttament skont it-TFUE. Pereżempju, fis-27 ta' Lulju 2023, il-Kummissjoni approvat miżura ta' għajnuna Awstrijaka ta' EUR 28,8 miljun biex tappoġġa l-

- Sabiex tiġi appoġġata **t-tranżizzjoni ekoloġika**, il-Linji Gwida dwar l-Għajnuna mill-Istat għall-Klima, għall-Ħarsien tal-Ambjent u għall-Enerġija (CEEAG) u l-Linji Gwida dwar l-għajnuna mill-Istat tal-ETS jiffaċilitaw l-għajnuna għall-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija f'konformità mal-Patt Ekoloġiku tal-UE, filwaqt li jgħinu biex tiġi ssalvagwardjata l-kompetittività tal-ekonomija tal-UE. Dawn jippermettu lill-Istati Membri jappoġġaw l-introduzzjoni tal-ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli, jiddekarbonizzaw il-produzzjoni industrijali, u jappoġġaw lill-utenti intensivi fl-enerġija soġġetti għall-kompetizzjoni internazzjonali.
- L-Istati Membri jistgħu jfasslu wkoll il-miżuri ta' appoġġ tagħhom għall-enerġija rinnovabbli, għall-ħżin u għad-dekarbonizzazzjoni tal-industrija skont it-TCTF. Dawn ir-regoli għandhom l-għan li jagħtu spinta urġenti u jaċċelleraw l-introduzzjoni tal-enerġija rinnovabbli u l-proċessi tal-produzzjoni dekarbonizzati. Filwaqt li l-iskemi ta' appoġġ iridu jiġu stabbiliti u l-għajnuna tingħata sal-2025, l-għajnuna tista' tiġi zborzata wkoll fis-snin ta' wara. L-esperjenza b'dan il-qafas simplifikat se tinforma aktar riflessjonijiet għall-futur.
- Ir-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat jirrispondu wkoll **għall-isfidi tal-kompetittività globali**: pereżempju, it-TCTF jippermetti lill-Istati Membri jistabbilixxu skemi sempliċi u effettivi biex jappoġġaw il-produzzjoni ta' tagħmir strateġiku meħtieġ għat-tranżizzjoni lejn emissjonijiet zero netti (jiġifieri batteriji, pannelli solari, turbini eoliċi, pompi tas-sħana, elettrolizzaturi u tagħmir għall-qbid, l-użu u l-ħżin tal-karbonju, kif ukoll għall-produzzjoni ta' komponenti ewlenin u għall-produzzjoni u r-riċiklaġġ ta' materja prima kritika relatata).
- Meta jkun hemm riskju reali li investimenti f'tali tagħmir strateġiku jiġu ddevjati lil hinn mill-UE minħabba sussidji f'ġuriżdizzjonijiet terzi, l-Istati Membri jistgħu jipprovdu għajnuna mill-Istat sal-ammont ta' appoġġ disponibbli għal investiment ekwivalenti fil-post alternattiv, jew l-ammont meħtieġ biex il-kumpanija tiġi inċentivata biex tillokalizza l-investiment fiż-ŻEE (l-hekk imsejħa "diskrepanza fil-finanzjament"), skont liema jkun l-inqas.
- Ir-regoli tal-UE dwar l-għajnuna mill-Istat għandhom ukoll rwol fundamentali fl-appoġġ tat-**tranżizzjoni diġitali**. Pereżempju, il-Linji Gwida l-ġodda dwar il-Broadband huma allinjati mal-aħħar żviluppi teknoloġiċi u tas-suq, inklużi n-networks b'kapaċità għolja ħafna u l-introduzzjoni tal-5G. Barra minn hekk, fid-dawl tar-rilevanza strateġika straordinarja tas-semikondutturi, il-Kummissjoni stabbiliet kriterji għall-approvazzjoni tal-għajnuna mill-Istat sad-diskrepanza fil-finanzjament għall-istabbiliment fl-UE ta' faċilitajiet li huma l-ewwel tat-tip tagħhom definiti fl-Att tal-UE dwar iċ-Ċipep.
- Eżempju ieħor huwa l-Linji Gwida dwar l-Għajnuna Reġjonali (RAG, Regional Aid Guidelines), li jappoġġaw **l-investimenti f'reġjuni inqas żviluppati** tal-UE inkluż għal objettivi ekoloġiċi u diġitali. Fl-2021, il-Kummissjoni żiedet l-intensitajiet massimi ġenerali tal-għajnuna biex tappoġġa l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew u tal-Istrateġija Diġitali, u b'hekk iippermettiet inċentivi addizzjonali għal tali investimenti fiż-żoni żvantaġġati tal-UE.

modernizzazzjoni tas-sit tal-produzzjoni tal-peniċillina ta' Sandoz GmbH f'Tyrol, li se tgħin biex fl-UE tinżamm l-aħħar produzzjoni integrata bis-sħiħ ta' amoksiċillina, li tikkontribwixxi għas-sigurtà tal-provvista ta' mediċini essenzjali u li jsalvaw il-ħajja, ara l-Każ SA.62915, l-Awstrija - Għajnuna għaż-żamma tal-produzzjoni ta' peniċillina Sandoz f'Kundl (Tyrol).

- Fl-aħħar nett, il-**Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni (IPCEI)** huma għodda importanti ta' għajna mill-Istat, li tiżgura li jiġu żviluppati u varati teknoloġiji mill-aktar avvanzati fl-UE. L-IPCEIs jippermettu lill-Istati Membri jiġbru flimkien ir-riżorsi tal-Istat f'setturi strateġiċi u fit-teknoloġiji ta' interess komuni tal-UE fejn is-suq waħdu mhux dejjem jipprovdi, pereżempju l-mikroelettronika, l-idroġenu, u s-servizzi tal-cloud. L-IPCEIs jippermettu attivitajiet ta' riċerka u żvilupp innovattivi strateġiċi, imfassla b'mod konġunt u transfruntiera, u l-ewwel użu industrijali tagħhom. Dawn jippermettu wkoll proġetti ta' infrastruttura miftuħa. Dawn l-inizjattivi jiġġeneraw effetti konsegwenzjali sinifikanti madwar l-UE. Bl-emenda tal-2023 tar-Regolament Ġenerali ta' Eżenzjoni ta' Kategorija (GBER), il-Kummissjoni ffaċilitat ukoll il-possibbiltà għall-SMEs li jipparteċipaw f'tali IPCEIs.

Għalhekk, fl-2022, l-għajna industrijali¹⁶², inkluża dik ibbażata fuq il-linji gwida msemmija hawn fuq, ammontat għal total ta' EUR 106,85 biljun, li tammonta għal madwar 0,26 % tal-PDG tal-UE u li tikkorrispondi għal EUR 238 *per capita* fl-UE. Minn dan, kif imsemmi hawn fuq, l-għajna żborżata għall-protezzjoni ambjentali, inkluż għall-iffrankar tal-enerġija, kienet l-oġettiv ewlieni tal-politika f'dawn l-aħħar 10 snin u ammontat għal EUR 41,5 biljun fl-2022, li tirrappreżenta 38,8 % tal-għajna industrijali totali, madwar 0,1 % tal-PDG tal-UE u tikkorrispondi għal EUR 92 *per capita*. Barra minn hekk, l-għajna żborżata taħt il-miżuri tal-IPCEI fl-2022 ammontat għal EUR 1,04 biljun u l-għajna għall-investment taħt ir-RAG biex tappoġġa s-settur tal-batteriji kienet tammonta għal EUR 262 miljun.

F'termini ta' proċess, il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' għajna mill-Istat li x'aktarx ma jqajmux tħassib dwar il-kompetizzjoni jistgħu jiġu implimentati direttament mill-Istati Membri abbażi tal-kriterji tal-GBER, mingħajr il-ħtieġa ta' notifika bil-quddiem lill-Kummissjoni u l-approvazzjoni minnha. Fl-2022, l-Istati Membri implimentaw 2 203 miżuri taħt l-eżenzjonijiet ta' kategorija tal-għajna mill-Istat, li jikkorrispondu għal 84 % tal-miżuri l-ġodda kollha ta' għajna mill-Istat u 93 % tal-miżuri l-ġodda, jekk jiġu esklużi l-miżuri għall-kriżi (li huma bbażati fuq notifikati skont il-Qafas Temporanju tal-COVID-19 u t-TC(T)F, jew abbażi tal-prinċipji tagħhom). Din ix-xejra hija mistennija li tkompli fl-2024 bħala riżultat tal-adozzjoni f'Ġunju 2023 ta' emenda mmirata tal-GBER, li tkompli tissimplifika u tħaffef l-appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali tal-UE.

6.4 Is-salvagwardja ta' Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb għal ekonomija kompetittiva tal-UE

Kif juri r-Rapport tal-Kummissjoni ta' Ottubru 2023 dwar l-inizjattivi ta' politika tal-UE għall-promozzjoni ta' investimenti f'teknoloġiji nodfa¹⁶³, l-UE kienet qed tmexxi t-tranżizzjoni ekoloġika

¹⁶² L-għajna industrijali tirreferi għan-nefqa fuq l-għajna mill-Istat, fl-element tal-għajna, fl-2022 kif irrapportat fir-rapporti annwali, bl-esklużjoni tal-għajna mill-Istat bl-oġettivi ta' politika li ġejjin: "Kultura", "Konservazzjoni tal-Wirt", u "Kumpens għad-danni kkawżati minn diżastri naturali". L-analiżi teskludi wkoll l-għajna għall-kriżi, jiġifieri n-nefqa fuq l-għajna mill-Istat ipprovduta fil-kuntest tal-kriżi tal-COVID-19 u n-nefqa fuq l-għajna mill-Istat b'reazzjoni għall-invażjoni Russa tal-Ukrajna.

¹⁶³ COM(2023) 684 final

kemm domestikament kif ukoll globalment, bis-saħħa ta' azzjonijiet deċiżivi meħuda f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, mhux l-inqas fil-politika dwar l-għajnuna mill-Istat. F'dan il-mandat, il-Kummissjoni użat il-flessibbiltà intrinsika tar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat biex tadatta għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri u tal-kumpaniji, biex tippermetti lill-ekonomija tal-UE taħtaf it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u tirrispondi għall-kriżijiet, filwaqt li stabbiliet salvagwardji biex jiġu evitati distorsjonijiet bla bżonn għall-kompetizzjoni u jiġu ppreservati kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku.

Tabilħaqq, il-Kummissjoni hija impenjata li tiżgura kundizzjonijiet ekwi fis-Suq Uniku kemm minn perspettiva interna kif ukoll esterna. Meta l-kompetizzjoni tiġi mfixkla minn sussidji barranin għad-detriment tal-kompetituri u tal-konsumaturi, il-Kummissjoni se tuża l-għodod tagħha bħal strumenti għad-difiża tal-kummerċ u r-Regolament dwar Sussidji Barranin (FSR), fejn xieraq. L-FSR beda japplika fit-12 ta' Lulju 2023 u jibgħat messaggġ qawwi: l-ekonomija tal-UE tibqa' miftuħa għall-kummerċ u l-investment, iżda mhux se tiġi mminata jew sfruttata minn sussidji barranin li joħlqu distorsjoni fis-Suq Uniku.

Fl-istess ħin, filwaqt li pajjiżi terzi qed jimplementaw ukoll programmi ta' għajnuna sinifikanti, bħall-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni, id-data disponibbli dwar l-impatt tiegħu fuq l-ekonomija tal-UE sa issa mhijiex konklużiva. L-effetti konkreti tal-IRA fuq l-investment tal-UE jistgħu jiġu vvalutati biss fuq terminu itwal minħabba ċ-ċikli ta' investment fit-tul u l-assi kapitali fit-tul tal-industrija tat-teknoloġija nadifa.

Dan huwa wkoll minħabba li l-kompetittività ma tistax tinbena fuq is-sussidji biss. Ma hemm l-ebda korrelazzjoni ovvja bejn il-prestazzjoni ekonomika ġenerali u s-sussidji mogħtija. Jiġu involuti ħafna fatturi oħra bħall-innovazzjoni, il-kosteffiċjenza u l-kapital uman. Il-kumpaniji jridu jħossu l-ħtieġa li jinnovaw, li jsibu soluzzjonijiet aktar effiċjenti, u li jinvestu. Infurzar effettiv tal-politika tal-kompetizzjoni jstimula lin-negozji biex jinnovaw u jinvestu u jiżgura li n-negozji li jirnexxu jkunu dawk li joffru l-aħjar prodotti lill-konsumaturi bi prezzijiet affordabbli. Fil-livell tas-soċjetà, in-negozji għandhom jistennew istituzzjonijiet u awtoritajiet pubbliċi affidabbli u trasparenti, qafas makroekonomiku u regolatorju stabbli, ċertezza legali, aċċess għall-ħiliet meħtieġa u għal infrastruttura ta' kwalità għolja, li kollha jappoġġaw ambjent tan-negozju li jiffavorixxi l-investment.

Dan huwa dak li joffri s-Suq Uniku, flimkien ma' wieħed mill-akbar oqsma tas-suq integrati fid-dinja. U dan huwa minn fejn ġejja l-kompetittività tagħha. Iżda s-Suq Uniku mhuwix kisba statika. Is-saħħa u l-kompetittività tal-ekonomija tal-UE jiddependu fuq sforzi konġunti u kontinwi biex wieħed iħares lejn is-Suq Uniku u biex jiġi żgurat li jibqa' allinjat mar-realtajiet ekonomiċi. U biex jitwasslu s-EUR 650 biljun meħtieġa kull sena għat-tranżizzjoni doppja u għar-reżiljenza ekonomika tagħna¹⁶⁴ – l-investimenti se jkollhom jiġu primarjament mis-settur privat, irrispettivament mill-


¹⁶⁴ Il-ħtiġijiet ta' investment addizzjonali ġenerali biex jintlaħqu l-oġġettivi tat-tranżizzjonijiet doppji ġew stmati għal madwar EUR 650 biljun fis-sena għall-2022 sal-2030, ara <https://commission.europa.eu/strategy-and-policy/strategicplanning/strategic-foresight/2022-strategic->

kapaċità fiskali tal-Istati Membri. Barra minn hekk, il-finanzjament tal-UE jibqa' meħtieġ biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' finanzjament filwaqt li tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-Suq Uniku minħabba livelli differenti ta' appoġġ nazzjonali (temporanju) għall-għajjnuna mill-Istat, u biex jitnaqqsu d-disparitajiet reġjonali. Mhux l-inqas, l-ostakli li fadal li jimpedixxu l-kummerċ effettiv fis-Suq Uniku u fih iridu jiġu indirizzati biex il-kumpaniji jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-potenzjal sħiħ tas-Suq Uniku¹⁶⁵.

7. Il-kejl tal-impatt tal-infurzar tal-kompetizzjoni fuq il-klijenti

Id-DĠ Kompetizzjoni jistma li l-iffrankar dirett tal-klijenti ġġenerat mill-infurzar tal-antitrust u tal-fużjonijiet tal-Kummissjoni matul il-perjodu 2012-2022 jammonta għal bejn EUR 145-250 biljun. Bħala medja, l-infurzar tal-antitrust u tal-fużjonijiet iġġeneraw madwar EUR 13 u 23 biljun ta' benefiċċji diretti għall-klijent fis-sena. Il-benefiċċji ġenerali tal-infurzar tal-kompetizzjoni għall-klijenti jinkludu wkoll effetti indiretti jew deterrenti tal-infurzar kif ukoll effetti pożittivi fuq l-innovazzjoni u l-kwalità. Dawn l-effetti huma aktar diffiċli biex jiġu kkwantifikati jew stmati, iżda x'aktarx li jkunu aktar sinifikanti mill-iffrankar dirett tal-klijenti. L-immudellar reċenti komplementari tal-effetti makroekonomiċi tal-infurzar tal-kompetizzjoni jissuġġerixxi li l-infurzar tal-antitrust u tal-fużjonijiet tat-tip imwettaq mill-Kummissjoni matul l-aħħar 10 snin x'aktarx li jkollu impatt pożittiv fuq il-PDG reali tal-UE meta mqabbel mal-linja bażi fil-medda ta' bejn 0,6 % u 1,1 % (l-ekwivalenti ta' żieda ta' EUR 80 sa 150 biljun fil-PDG tal-2019) fuq perjodu ta' żmien medju u fit-tul¹⁶⁶.

Tabella 8: Tfaddil tal-klijenti (punti tan-nofs) 2012-2022



[foresightreport_en#:~:text=It%20is%20estimated%2C%20at%20lower,regions%20in%20Europe%20and%20beyond, u \[https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/qanda_23_3194\]\(https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/qanda_23_3194\).](#)

¹⁶⁵ Fil-COM(2024)77 - Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività għall-2024", il-Kummissjoni pprovdiet analiżi tas-Suq Uniku u l-kompetittività tiegħu, strutturata fuq disa' muturi tal-kompetittività: il-Funzjonament tas-Suq Uniku, l-aċċess għall-kapital privat, l-investiment pubbliku u l-infrastruttura, ir-riċerka u l-innovazzjoni, l-enerġija, iċ-ċirkolarità, id-diġitalizzazzjoni, l-edukazzjoni u l-ħiliet, u l-kummerċ u l-awtonomija strateġika miftuħa.

¹⁶⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, id-Direttorat Ġenerali għall-Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Archanskaia, E., Cai, M., Cardani, R., *et al.*, Modelling the macroeconomic impact of competition policy: 2021 update and further development, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2022.

Sors: *DĠ Kompetizzjoni abbażi ta' data interna.*

Fl-2023, id-DĠ Kompetizzjoni kompli l-ħidma tiegħu fuq il-proġett “L-Istat tal-Kompetizzjoni tal-UE”. L-għan ta' dan il-proġett huwa li jesplora l-evoluzzjoni tal-konċentrazzjoni tas-suq u tal-industrija f'setturi u Stati Membri differenti u jidentifika setturi li potenzjalment ma jaħdmux tajjeb. Se jivvaluta u jiddokumenta wkoll il-benefiċċji tal-kompetizzjoni, fost l-oħrajn abbażi tal-analiżi tal-konċentrazzjoni tal-prezzijiet fil-livell settorjali, l-immudellar makroekonomiku, u abbażi ta' sħarriġ fost l-intrapriżi. Għal dan l-għan, id-DĠ Kompetizzjoni se jkun jista' jibbaża fuq ir-riżultati ta' żewġ studji preparatorji, wieħed imwettaq mill-OECD (rapport finali mistenni fl-2024) u ieħor minn konsulent estern (rapport finali li wasal f'Diċembru 2023, se jkun ippubblikat dalwaqt.)

8. L-immodernizzar tal-metodi ta' ħidma tad-DĠ Kompetizzjoni biex jissodisfaw il-ħtiġijiet ta' infurzar attwali u futuri

8.1. Soluzzjonijiet ta' negozju diġitali

Fl-2023, id-DĠ Kompetizzjoni kompli t-trasformazzjoni tal-metodi ta' ħidma tiegħu f'konformità mal-Istrateġija Diġitali riveduta tal-Kummissjoni¹⁶⁷. L-użu tal-applikazzjoni tal-ġestjoni tal-każijiet CASE@EC ġie estiż. B'mod parallel, il-ħidma fuq is-sostituzzjoni tas-sistema l-antika ta' ġestjoni tal-każijiet għall-infurzar tal-antitrust u tal-kartelli b'CASE@EC għamlet progress tajjeb fl-2023 u hija mistennija li titlesta fl-2024.

Fl-2023, id-DĠ Kompetizzjoni kompli wkoll itejjeb u jiddiġitalizza l-komunikazzjonijiet tiegħu ma' partijiet esterni. L-applikazzjoni tal-Każijiet COMP¹⁶⁸ - li tippermetti l-pubblikazzjoni ta' każijiet u tgħin liċ-ċittadini u lill-partijiet ikkonċernati esterni jaċċessaw, ifittxu u jesportaw aħjar *data* pubblika dwar id-*data* dwar il-kompetizzjoni - ġiet riveduta. Barra minn hekk, l-ECN2 - l-għodda ta' kollaborazzjoni użata fin-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni – issa tappoġġa l-kooperazzjoni fl-infurzar skont l-FSR. Barra minn hekk, ħafna mill-għodod użati għall-attivitatijiet ta' infurzar tad-DĠ Kompetizzjoni ġew aġġornati, pereżempju eRFI¹⁶⁹, eLeniency¹⁷⁰, eConfidentiality¹⁷¹, kif ukoll l-applikazzjonijiet għan-*Notifika tal-Għajnuna mill-Istat (SANI2)*¹⁷² u *r-Rappurtar (SARI2)*¹⁷³. Id-DĠ Kompetizzjoni qed itejjeb kontinwament it-trattament tal-volumi dejjem akbar ta' sottomissjonijiet relatati mal-każijiet. Fl-2023, l-eDiscovery - użata mit-timijiet tal-każijiet biex jirrieżaminaw ammonti kbar ta' dokumenti – ġiet riveduta, u tejbet il-funzjonalità u l-esperjenza tal-utent.

¹⁶⁷ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Strateġija Diġitali tal-Kummissjoni Ewropea - Il-Kummissjoni diġitali tal-ġenerazzjoni li jmiss, C(2022) 4388 final, 30.6.2022.

¹⁶⁸ Ara: <https://competition-cases.ec.europa.eu/search>

¹⁶⁹ Ara: https://competition-policy.ec.europa.eu/mergers/procedures/erfi_en

¹⁷⁰ Ara: https://competition-policy.ec.europa.eu/antitrust-and-cartels/leniency/eleniency_en

¹⁷¹ Ara: https://competition-policy.ec.europa.eu/index/it-tools/econfidentiality_en

¹⁷² Ara: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/legislation/forms-notifications-and-reporting_en

¹⁷³ Ara: https://competition-policy.ec.europa.eu/state-aid/overview_en

8.2. *Analiżi tad-data u teknoloġija*

It-tim tal-Uffiċjal Kap tat-Teknoloġija - l-unità tad-DĠ Kompetizzjoni għall-analiżi tad-*data* u t-teknoloġija – kompli u żviluppa l-attivitajiet tiegħu fl-2023. It-tim jagħti pariri lill-Kummissarju għall-Kompetizzjoni u lid-Direttur Ġenerali. Jiggrawidja u jissorvelja wkoll l-inizjattivi kollha relatati mad-*data* u t-teknoloġija u l-flussi ta' ħidma tad-DĠ Kompetizzjoni. It-tim tal-Uffiċjal Kap tat-Teknoloġija jiffunzjona bħala ċentru ta' eċċellenza għall-għodod investigattivi diġitali u x-xjenza tad-*data* li jappoġġaw l-istrumenti ta' infurzar tad-DĠ Kompetizzjoni. Jipprovdi wkoll appoġġ tal-IT Forensiku (FIT) tal-ogħla livell kif ukoll intelligence u assistenza investigattiva. Fl-aħħar nett, l-unità għandha rwol attiv fin-network ta' esperti tal-investigazzjoni diġitali fil-grupp ta' ħidma tan-NEK dwar il-protezzjoni tad-*data* u l-infurzar tal-kompetizzjoni.

Id-DĠ Kompetizzjoni jiżgura li l-proċeduri kollha jibqgħu konformi mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-*data*, filwaqt li jiżgura li din il-protezzjoni ma tiġix abbużata biex tfixkel jew iddewwem l-investigazzjonijiet. Fl-2023, il-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-451/20, Meta ddeċidiet li l-Kummissjoni kienet intitolata tipproċessa *data* personali għall-finijiet ta' investigazzjoni dwar il-kompetizzjoni u li s-salvagwardji proċedurali applikati mill-Kummissjoni huma kompletament konformi mal-obbligi tal-Kummissjoni skont ir-regoli tal-UE dwar il-protezzjoni tad-*data*¹⁷⁴.

8.3. *Issaħħet l-għodda għall-informaturi*

Il-Kummissjoni topera għodda għall-informaturi, faċilità fejn il-membri tal-pubbliku jistgħu jirrapportaw b'mod anonimu jekk ikunu identifikaw attività suspettata ta' kartell jew attivitajiet antikompetittivi oħra bħal abbuż ta' pożizzjoni dominanti fis-suq. F'Jannar 2023, il-Kummissjoni estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tal-għodda anonima għall-informaturi, li tippermetti lill-individwi u lill-kumpaniji jirrapportaw ukoll ksur suspettat relatat mal-fużjoni u mal-ghajjuna mill-Istat¹⁷⁵.

9. *Promozzjoni u sensibilizzazzjoni li jappoġġaw il-politika tal-kompetizzjoni u l-infurzar*

Fl-2023, il-Kummissjoni kompliet bl-attivitajiet tagħha ta' promozzjoni u ta' sensibilizzazzjoni tal-politika tal-kompetizzjoni f'diversi livelli biex tappoġġa l-effettività tal-politika tal-kompetizzjoni tal-UE, bl-aktar mod prominenti bil-parteċipazzjoni tal-Viċi President Eżekuttiv Vestager f'avvenimenti u konferenzi stampa, billi tat intervisti, u pparteċipat fil-media soċjali. Il-maniġers superjuri fid-DĠ Kompetizzjoni pparteċipaw f'attivitajiet ta' sensibilizzazzjoni fl-Istati Membri. Dawn l-attivitajiet jikkomplementaw l-inizjattivi ta' komunikazzjoni esterna tad-DĠ Kompetizzjoni bħal sqarrijiet għall-istampa, briefs dwar il-politika, bullettini, u l-midja soċjali.

Fl-2023, il-Kummissjoni nediet serje ta' dibattiti itineranti dwar is-Swieq għan-Nies, li saret f'ħamest ibliet ta' daqs medju f'ħames pajjiżi differenti tal-UE bejn April 2023 u l-bidu tal-2024. Il-

¹⁷⁴ Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-24.5.2023 fil-Kawża T-451/20, *Meta Platforms Ireland vs Il-Kummissjoni*, EU:T:2023:276.

¹⁷⁵ Ara: https://competition-policy.ec.europa.eu/index/whistleblower_en.

Kummissjoni tistieden personalitajiet minn oqhma ta' politika differenti biex jiddibattu l-impatt ekonomiku u soċjali tal-politika tal-kompetizzjoni fuq ħajjet in-nies. Il-postijiet, il-kelliema u s-suġġetti huma determinati flimkien mal-Awtoritajiet Nazzjonali tal-Kompetizzjoni, ir-Rappreżentanzi tal-Kummissjoni fl-Istati Membri, u ċ-ċentri lokali ta' Europe Direct. L-ewwel dibattitu sar f'April 2023 f'Modena, l-Italja, it-tieni f'Salzburg, l-Awstrija f'Ġunju 2023, it-tielet dibattitu f'Salamanca, Spanja f'Ottubru 2023 u r-raba' dibattitu f'Brno, iċ-Ċekja f'Diċembru 2023.

F'Ġunju 2023, anke bħala parti mill-evalwazzjoni kontinwa tagħha tar-Regolament 1/2003, il-Kummissjoni ċelebrat għoxrin sena ta' infurzar tal-antitrust tal-UE skont ir-Regolament 1/2003 b'konferenza fi Brussell. Dan laqqa' flimkien l-infurzaturi, il-prattikanti privati, il-konsulenti interni, u l-akkademiċi biex jiddiskutu u jirriflettu dwar il-kisbiet, il-ħtiġijiet u l-isfidi tal-qafas proċedurali attwali tal-antitrust.

10. Il-politika tal-kompetizzjoni f'kuntast Ewropew u globali

10.1 Ningħaqdu flimkien fit-tiswir ta' kultura ta' kompetizzjoni Ewropea u globali

Koerenza politika permezz tan-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni

Mill-2004, il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni fl-Istati Membri kollha tal-UE jikkooperaw permezz tan-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni (NEK)¹⁷⁶. L-objettiv tan-NEK huwa li jiżgura li r-regoli tal-antitrust tal-UE jiġu applikati b'mod effettiv u koerenti kontra kumpaniji involuti fi Prattiki kummerċjali li jirrestrinġu l-kompetizzjoni u li jistgħu jaffettwaw il-kummerċ bejn l-Istati Membri tal-UE. Fl-2023, il-Kummissjoni kompliet tissalvagwardja l-applikazzjoni koerenti tar-Regolament 1/2003 permezz tan-NEK. Ir-Regolament fih żewġ mekkaniżmi ewlenin li jappoġġaw il-kooperazzjoni. L-ewwel nett, l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe investigazzjoni ġdida fl-istadju tal-ewwel miżura investigattiva formali. It-tieni, l-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni jikkonsultaw lill-Kummissjoni qabel ma jadottaw ċerti tipi ta' deċiżjonijiet. Fl-2023, tnedew 140 investigazzjoni ġdida fi ħdan in-network u 88 deċiżjoni previsti ġew ippreżentati lill-Kummissjoni.

Flussi ta' ħidma oħra fi ħdan in-NEK jiżguraw ukoll infurzar koerenti tal-politika tal-kompetizzjoni fl-UE. Il-membri tan-NEK jiltaqgħu regolarment biex jiddiskutu każijiet, kwistjonijiet ta' politika u kwistjonijiet ta' importanza strateġika. Fl-2023, ġew organizzati 48 laqgħa fost gruppi ta' ħidma orizzontali u sottogruppi speċifiċi għas-settur, fejn esperti tal-kompetizzjoni mid-diversi awtoritajiet skambjaw fehmiet u esploraw l-aħjar Prattiki.

¹⁷⁶ L-Avviż tal-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fi ħdan in-Network tal-Awtoritajiet tal-Kompetizzjoni, ĠU C 101, 27.4.2004, p. 43 u ĠU C 374, 13.10.2016, p. 10.

Djalogu interistituzzjonali kontinwu u kostruttiv

Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill, il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u l-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni huma sħab ewlenin għall-Kummissjoni fid-djalogi kontinwi dwar il-politika tal-kompetizzjoni.

Fl-2023, fil-Parlament Ewropew, il-Viċi President Eżekuttiv Vestager ipparteċipat f'diversi skambji ta' fehmiet jew djalogi strutturati, inkluż mal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat għall-Affarijiet Leġiżlattivi. Barra minn hekk, il-Viċi President Eżekuttiv Vestager ipparteċipat f'dibattiti plenarji dwar il-politika tal-kompetizzjoni u dwar ir-rispons tal-UE għall-Att tal-Istati Uniti dwar it-Tnaqqis tal-Inflazzjoni.

Fl-2023, fil-Kunsill, il-Viċi President Eżekuttiv Vestager ipparteċipat fi skambji ta' fehmiet u dibattiti dwar kwistjonijiet ta' politika tal-kompetizzjoni u dwar il-kompetittività u l-produttività fit-tul, inkluż f'diversi laqgħat tal-Kunsill Kompetittività (Suq intern u industrija).

10.2. Il-kooperazzjoni fil-politika tal-kompetizzjoni madwar id-dinja

Relazzjonijiet multilaterali

Fl-2023, il-Kummissjoni kompliet bl-impenn attiv tagħha f'fora internazzjonali dwar il-kompetizzjoni bħall-Kumitat għall-Kompetizzjoni tal-OECD, in-Network Internazzjonali tal-Kompetizzjoni, fejn il-Kummissjoni kompliet bir-rwol tagħha ta' kopresident għal tliet snin fil-Grupp ta' Ħidma dwar l-Għaqdiet, u l-Konferenza tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD, United Nations Conference on Trade and Development). Il-Kummissjoni kompliet bl-isforzi tagħha biex ittejjeb ir-regoli internazzjonali rigward is-sussidji. Ir-riforma tar-regoli dwar is-sussidju hija waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-UE għall-modernizzazzjoni tar-regoli kummerċjali tad-WTO.

Relazzjonijiet bilaterali

F'Marzu 2023, il-Kummissjoni u l-Awtoritajiet tal-Kompetizzjoni tal-Istati Uniti kellhom it-tielet laqgħa tad-Djalogu Konġunt dwar il-Politika tal-Kompetizzjoni tat-Teknoloġija, fejn iddiskutew l-isforzi ta' kooperazzjoni biex tiġi żgurata u promossa kompetizzjoni ġusta fis-settur diġitali. Fil-Kunsill tal-Kummerċ u t-Teknoloġija bejn l-UE u l-Istati Uniti, ir-raba' laqgħa ministerjali saret f'Mejju 2023.

Fl-2023, il-Kummissjoni kompliet il-kooperazzjoni tagħha fil-politika tal-kompetizzjoni ma' pajjiżi terzi, inklużi programmi ta' kooperazzjoni teknika ma' diversi pajjiżi Asjatiċi¹⁷⁷ u Afrikani¹⁷⁸. Il-

¹⁷⁷ Ara: <https://asia.competitioncooperation.eu/>

¹⁷⁸ Ara: <https://africa.competitioncooperation.eu/>

Kummissjoni kompliet in-negozjati biex tikkonkludi Ftehimiet ta' Kummerè Ħieles (FTAs, Free Trade Agreements) mal-Awstralja, l-Indja, l-Indoneżja, it-Tajlandja u l-ESA¹⁷⁹.

Fir-rigward tal-pajjiżi kandidati¹⁸⁰ u l-kandidati potenzjali¹⁸¹ għat-tkabbir tal-UE, l-objettiv politiku ewlieni tal-Kummissjoni huwa li tgħin b'perspettiva li jissiehu fl-UE biex jissodisfaw il-kriterji tas-sħubija definiti mit-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mill-Kunsill Ewropew¹⁸². Pereżempju, il-Kummissjoni tassisti lill-pajjiżi kandidati u lill-kandidati potenzjali biex jallinjaw l-oqfsa legali tagħhom dwar l-antitrust, il-fużjonijiet u l-għajnuna mill-Istat mal-acquis tal-UE u biex jiżviluppaw awtoritajiet tal-kompetizzjoni li jiffunzjonaw tajjeb u li joperaw b'mod indipendenti.

F'Novembru 2023, il-Kummissjoni Ewropea adottat il-Pakkett tat-Tkabbir tagħha tal-2023, li jipprovdi valutazzjoni dettaljata tas-sitwazzjoni attwali u l-progress li sar mill-Balkani tal-Punent, it-Turkija, il-Georgia, il-Moldova u l-Ukrajna dwar il-perkorsi rispettivi tagħhom lejn l-UE¹⁸³. Meta jitqiesu r-riżultati miksuba mill-Ukrajna u l-Moldova, u l-isforzi ta' riforma li għaddejjin, il-Kummissjoni rrakkomandat li l-Kunsill Ewropew jiftaħ in-negozjati tal-adeżjoni maż-żewġ pajjiżi, dment li jittieħdu ċerti passi¹⁸⁴.

Fil-każ tal-Georgia, il-Kummissjoni rrakkomandat li l-Kunsill Ewropew jagħti lill-Georgia l-istatus ta' pajjiż kandidat bil-fehim li jittieħdu għadd ta' passi¹⁸⁵.

¹⁷⁹ Ħames Pajjiżi tal-Lvant u tan-Nofsinhar: Comoros, Madagascar, Mauritius, is-Seychelles u ż-Żimbabwe.

¹⁸⁰ Pajjiżi li ngħataw l-istatus ta' pajjiż kandidat mill-Kunsill Ewropew abbażi ta' rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea: l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Georgia, il-Moldova, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja, it-Turkija u l-Ukrajna.

¹⁸¹ Kandidat potenzjali għas-sħubija fl-UE: il-Kosovo.

¹⁸² Għal aktar dettalji dwar il-kriterji tas-sħubija, ara: https://neighbourhood-enlargement.ec.europa.eu/enlargement-policy/conditions-membership_mt

¹⁸³ Ara: https://neighbourhood-enlargement.ec.europa.eu/enlargement-policy/strategy-and-reports_mt

¹⁸⁴ Fl-14 ta' Diċembru 2023, il-Kunsill Ewropew iddeċieda li jiftaħ in-negozjati tal-adeżjoni mal-Ukrajna u l-Moldova. Il-Kunsill Ewropew stieden lill-Kunsill jadotta l-oqfsa ta' negozjar rispettivi ladarba jittieħdu l-passi rilevanti stabbiliti fir-rakkomandazzjonijiet rispettivi tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023.

¹⁸⁵ Fl-14 ta' Diċembru 2023, il-Georgia ngħatat status ta' kandidat mill-Kunsill Ewropew, bil-fehim li jittieħdu l-passi rilevanti stabbiliti fir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-8 ta' Novembru 2023.

2023

MAD-DAQQA T'GĦAJN

